# Leħen il-Punent

**Diċembru 2009**
**Nru. 21**



# KONCERTO

GĦAQDA MUŻIKALI VIŻITAZZJONI

20 ta' Diċembru 2009

Knisja Kolleġġjata Bażilika
tal-Viżitazzjoni GĦARB

Taħt il-patronċinju tal-
**Eċċ Tiegħu Mons Isqof Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

Ħin 6.00wn



## PROGRAM

Mambo Jumbo — Philip Sparke

Greensleeves — Arrg: Alfred Reed

I Will Follow Him — Arrg: J Van Kraeydonck

Italian Festival — Arrg:Glen Osser

Sinfonia Pastorale — Emmanuel Galea

We are The World — Arrg: D Carnevale

Fil-Ħarsa ta' Marija — George Debono

This is Christmas — Arrg: A Calleja

Radetzky March — J Strauss

Innu tal-Banda — George Debono



Surmast Direttur -
George Debono LLCM ALCM A(Mus)LCM.

Tkanta flimkien mall-banda l-kantanta brava
Vivienne Zammit

RSVP: 21560556 79560041 79968040

# Leħen il-Punent

Ħarġa Speċjali ta' Kull Sena

Diċembru 2009 - Jannar 2010 • Nru. 21



Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI GĦARB**
Triq il-Viżitazzjoni, Għarb GRB1044
Tel: 21 560556 • Fax: 21 562727
E-mail: gharb.lc@gov.mt



**~ KUNSILL LOKALI GĦARB ~**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **David Apap Agius** |
| **Viċi-Sindku:** | **Raymond Cassar** |
| **Kunsilliera:** | **Lisa Marie Brooke** |
| | **Emanuel Muscat** |
| | **Carmen Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Joanne Attard** |
| **Skrivana:** | **Emily Amatulli Depasquale** |


Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-"Leħen il-Punent" Kunsill Lokali Għarb

Fil-qoxra tal-fuljett jidher l-logo tal-proġett tar-*rising main* fuq l-isfond tal-Pjazza tar-Raħal.

*Aktar dettalji jinsabu f'paġna14*




EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA2007-2013


Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

• Grazzi lil-isponsors tagħna ta' l-għajnuna tagħhom matul is-sena
• Grazzi wkoll imur għal-kontributuri ta' din il-Ħarġa

Issetjat u Stampat : A&M Printing Ltd. - Qala • Tel: 2155 32 17


# F'Din il-Ħarġa...


4 Messaġġ mis-Sindku

6 Mill-Pinna tal-Kunsilliera

8 Messaġġi mill-Għaqdiet tal-Lokalità

11 Għarb Club Melborne

12 Missjunarju Kbir

13 Children's Corner

14 Wied il-Mielaħ

17 Victoria Scout Group

17 L-esperjenza tiegħi fil-Brażil

18 Servizzi offruti mill-Kunsill

21 Djarju

24 L-istress, l-Għarb u l-qalb

25 Riċetti

26 L-Estimi finanzjarji

# *Messaġġ mis-Sindku*

❏ david.apap@gov.mt
❏ 7949 2667



Għeżież ħuti,

Fi żmien il-Milied hija d-drawwa li nidħlu fi djarkom permezz ta' messaġġ qasir. Huwa ta' pjaċir tassew kbir għalija li erġajt għal darb oħra wara l-elezzjoni li għaddiet qed nerġa nirraprezentakom u qed nerġa nwassal dan il-messaġġ f'dan iż-żmien li huwa żmien ta' ferħ. Nibda biex nirringrazzjakom tal-fiduċja u nwegħdkom bħal dejjem kull support, ħidma fejjieda u attenzjoni lejn il-bżonnijiet ta' dawk li jinsabu għaddejjin minn xi għawġ jew niket. Il-bieb dejjem miftuħ.

Kull Milied huwa żmien speċjali u ta' kull sena jiġġedded daqs li kieku huwa l-ewwel Milied u dan għaliex tul is-sena nkunu mogħnija b'ħidma kontinwa. Meta nħares lura, partikolarment lejn is-snin li ilni Sindku, nieħu sodisfazzjon kbir bil-ħidma li kienet tinkorpora lil kulħadd u nenfasizza li ħadd ma kien eskluż. Il-lokalità tagħna mxiet 'il quddiem u llum nistgħu ngħidu li lħaqna livell ta' għixien li jixraq lilna lkoll, bħala Kunsill onest, bħala Kunsill ħawtiel, bħala familja waħda li nħobbu il-lokalità tagħna. Imxejna 'l quddiem nerġa' ngħid bil-ħidma ta' kulħadd.

Kull wieħed minna għandu l-opinjoni personali u jħaddan valuri kultant differenti però m'għandix dubju li l-għan ewlieni jibqa' wieħed li l-lokalità tagħna iżżomm l-identità tagħha filwaqt li niżviluppaw u nimmiljoraw. Kultant jittieħdu deċiżjonijiet li ma jinżlux tajjeb ma kulħadd però d-deċiżjonijiet ma jistgħux jittieħdu b'vantaġġ lejn xi ħadd personali jew xi istituzzjoni jew għaqda, d-deċiżjonijiet iridu jkunu mistħarġa, studjati u fuq kollox konformi mal-liġi. Jekk fil-fehma tagħkom żbaljajna nitlobkom tagħdruna u fuq kollox tippruvaw tifhmuna u dan anke jekk ikun hemm bżonn ta' kjarifika min-naħa tagħna.

Nieħu pjaċir b'suġġerimenti kostruttivi għaliex dawn iwassluna għal aktar riflessjoni u perfezzjoni u ta' dan inrodd ħajr. Nagħder imbagħad lil dawk il ftit tal-kummenti diżonesti u xejn xierqa għall-personalità tagħhom li jagħmlu għajb lil dan ir-raħal magħruf għall-bżulija u l-għaqda.

F'dan il-mument ma jistax jonqos li niftakru fil-mumenti ta' niket li l-komunità tagħna għaddiet minnhom u forsi f'din is-sena b'mod speċjali għat-telfa ta' tlett żgħażagħ, tlett personaġġi li ħallew ixxukjat lil kull min kien jafhom b'mod speċjali lill-familjari u ħbieb. Il-Mulej laqa' lil dawn ħutna u nitolbuh jieqaf mal-ħajjin sabiex isibu s-sabar fil-kwalitajiet sbieħ li l-Mulej kien għoġbu isebbaħhom bihom.

Matul is-sena għaddejna minn ħidma kontinwa bil-proġetti, fost l-oħrajn fuq il-proġett ambizzjuż ta' Wied il-Mielaħ li għal darba oħra erġajna konna l-uniku Kunsill li ġejna ppremjati b'€600,000 u dan xhieda tal-ħidma u l-bżulija. Minn hawn nirringrazzja lil kull min ħadem speċjalment lill-Viċi Sindku u lill-sħabna l-Kunsilliera kollha li flimkien kellna l-kuraġġ nidħlu għal proġett hekk kbir. Għajb imbagħad għal min ipprova jagħmel ħsara fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tan-nuqqas ta' edukazzjoni u professjonalità u lealtà lejkom però ħares biss lejn il-gwadann personali. Quddiem dan kollu jiġini kuraġġ kbir sabiex dak li bdejna nkomplu nwettquh. Dan il-proġett huwa mistenni li jkun lest fi żmien qasir.

Ma dan il-proġett il-Kunsill ma' abbandunax ix-xogħol infrastrutturali iżda wettaq wegħda oħra, wettaqna l-ewwel fażi tax-xogħol fuq it-triq minn ħdejn iċ-ċimiterju sa Pjazza San Pietru. B'dan il-proġett il-Kunsill qed jasal lejn it-tmiem ta' l-ewwel fażi fuq it-toroq kollha tal-lokalità bix-xogħol issa jsegwi fil-proġett ta' rijabilitazzjoni u riġenerazzjoni ta' Triq il-Knisja, il-



Pjazza Żjara tal-Madonna, il-pjazzetta u Triq Frenċ ta' l-Għarb, Pjazza Gerano, Triq tal-Ġidi u tul it-triq kollha sat-Tieqa ta' Wied il-Mielaħ.

Wara jkun jonqos Triq Trux, xogħol li ilu mistenni ħafna u li ġa konna bdejnieh però ma stajniex inkomplu.

Lestejna wkoll fl-aħħar xhur il-ground tal-football b'fencing ġdid u dawl ġdid li jixraq. Bdejna wkoll ix-xogħol fuq il-playing field ġdid li ser isir fl-arja biswit il-ground u fuq il-kumpless sportiv qed ikun riġenerat belveder Dun Salv Camilleri. Xogħol li mistenni jkun lest ukoll fix-xhur li ġejjin.

Il-Kunsill ma waqafx hawn però fi proċess li għalaqna fi żmien pjuttost diffiċli, qed nirreferi għal żmien l-elezzjoni, applikajna għal proġetti oħra simili tal-proġett ta' Wied il-Mielaħ din id-darba għall-widien u nħawi oħra mifruxa mal-lokalità. Dan jixhed l-impenn bis-serjeta', l-impenn favur il-ġid komuni, ħidma vasta li ssir f'kull qasam fil-lokalità tagħna.

Il-qasam infrastrutturali mhuwiex biss il-ħidma li jwettaq il-Kunsill għalkemm din hija ħidma importanti. Ma din hemm is-servizzi li ta' kuljum jingħataw mill-uffiċini amministrattivi li jinkorporaw servizzi vasti u li issa qed ikun miftuħ ukoll in-nofs ta' nhar ta' filogħdu kull nhar ta' Sibt. Hemm ukoll ix-xogħol tal-indafa li dan irridu naraw titjib fih, servizz tal-latrini pubbliċi, ix-xogħol ta' manutenzjoni, il-ħarġiet kulturali għall-familja u l-anzjani, ħarġiet u attivitajiet għat-tfal fosthom Halloween u l-party tal-Milied. GRAZZI kbira lil dawk il-ġenituri tal-interess li offrew li jagħmlu tindif wara l-parties għaliex dan jagħmlilna kuraġġ u jixhed l-approvazzjoni tal-ġenituri fl-inizjattivi li nieħdu, organizzazzjoni ta' korsijiet u servizz tal-librerija estiż b'ħinijiet itwal, librerija rinomata b'kotba li nġedduhom minn żmien għal żmien. Fuq kollox l-impenn sabiex uliedna jkollhom ambjent aħjar, modern u li jixraq fl-iskola primarja.

Ma' dan ix-xogħolijiet tul is-sena, inkunu ta' support lill-għaqdiet tal-lokal u bdejna flimkien norganizzaw attivitajiet li jissarfu l-ewwel u qabel kollox f'għaqda u benefiċċju għall-għaqdiet infushom. Ta' dan nirringrazzja lil dawk kollha li jikkoperaw u juru ħeġġa. Fid-dawl ta' dan kollu rridu li lkoll flimkien inkomplu nuru ħeġġa, nibnu s-soċjetà tagħna fuq dak li ħallewlna l-antenati tagħna, fuq dak li rnexxilna niksbu, ħidma li tintwera f'impenn ta' veru, u mhux f'diskors biss. Irridu nkomplu niżguraw impenn mibni fuq il-ġustizzja u ugwaljanza. Fil-futur qarib irridu niġġeneraw rikonoxximent ta' bżulija u li jitwieżnu n-negozji b'pubbliċità xierqa u bla spejjeż addizjonali.

L-ispirtu tal-Milied jixprunana biex bil-valur tal-kuraġġ inħarsu lejn il-ġejjieni b'tama u b'determinazzjoni biex nagħmlu mil-lokalità tagħna lokalità aktar b'saħħitha u ndawwru d-diffikultajiet f'opportunitajiet. Ġa fis-snin li għaddew dan li qed ngħid irnexxa u sarrafnieh bil-fatti u dan minkejja ċ-ċokon. Konna l-uniku Kunsill li ħadna għal darba darbtejn fondi mil-EU. Kellna wkoll l-Elezzjoni u għal darb'oħra wrejtu fiduċja fil-ħidma li wettaqna.



Ejjew ningħaqdu biex flimkien noħolqu u nwettqu inizjattivi, programmi illi jistgħu jgħinu biex fil-lokalità inkattru l-ġid. Appell lit-tfal, żgħażagħ u kbar, sidien tan-negozji, professjonisti, studenti, membri f'għaqdiet volontarji differenti, għandkom rwol importanti x'toffru lil din il-lokalità. Flimkien nibqgħu magħquda u fejn nistgħu ningħaqdu aktar biex ma jintilfux opportunitajiet.

J'Alla dan il-messaġġ bħas-soltu ikun messaġġ ta' għaqda, awguri li jgħaqqad ħidmietna u r-relazzjonijiet ta' bejnietna.

F'ismi u l-familja f'isem il-Viċi Sindku, Kunsilliera u l-istaff nawgura minn qalbi il-Milied u s-Sena t-Tajba lilkom u lill-għeżież kollha tagħkom. Nitolbukom twasslu l-awguri lill-familji tagħkom, lil dawk li jgħixu waħedhom, lil dawk li minħabba mard jew problemi oħra mhux ser igawdu l-festi bħas-soltu.
Ġesu bambin magħkom.

It is with great pleasure and satisfaction that thanks to you I am once again representing you as Mayor of Gharb after the June elections.

During the years in the office of Mayor I am pleased to note that together we have been able to carry out various projects towards the benefit of the locality. During this year, 2009, we have been busy especially with the 600,000 ambitious EU funded project of Wied il-Mielah. Apart from this other projects have also been carried out like for example the resurfacing with tarmac of St Peter Street. In the following months the Council will be working on the rehabilitation and regeneration of the village core together with various other important projects. The infrastructural works are not the only works the Council works upon, but also various services offered on a daily basis from the Administrative offices including also Saturday mornings and services such as cleaning and maintenance and in the social and cultural spheres which are of importance to the locality. If we work together hand in hand I am sure that we will be able to improve and create new opportunities towards our locality.

I would like to take this opportunity to extend my best wishes for a Merry Christmas and a Prosperous New Year to all residents.

*David Apap*
**Sindku**



# Mill-Pinna tal-Kunsilliera....



Insellmilkom ħbieb,

Reġa wasal iż-żmien li jiena bħala Kunsillier nerġa' nwasslilkom il-messaġġ tiegħi ta' kull sena. Irrid nirringrazzja lill-elettorat li reġa wera fiduċja fiha għat-tielet leġislatura bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' l-Għarb.

Li tkun Kunsillier hija sfida li tieħu ħafna u li tirrikjedi xogħol iebes u ta' responsabilta' wkoll. Madanakollu b'wiċċi minn quddiem ngħid li din hija wkoll esperjenza li tagħtik sodisfazzjon. Id-dmir ewlieni ta' kull Kunsillier huwa li jservi bħala vuċi tar-residenti tal-lokalita', jgħin liċ-ċittadini, jirrappreżenta l-lokal partikolari tiegħu u jiżviluppa strateġiji u servizzi għar-residenti kollha.

Il-Kunsillier irid jieħu deċiżjonijiet iebsin xi kultant iffaċċjat minn numru ta' konflitti, biex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet tajba li jkunu bbażati fuq informazzjoni korretta.

F'dan il-messaġġ irridu nħarsu ftit lura biex naraw x'kienet il-ħidma tagħna bħala Kunsill f'din is-sena li waslet biex tintemm u x'inhuma l-pjanijiet għas-sena d-dieħla. Bħala toroq fl-aħħar tlestiet Triq Santu Pietru u wara li jitlesta' l-proġett tar-rising main tad-drenaġġ ikun jista' jsir ix-xogħol tat-toroq, Triq il-Knisja, Triq Frenċ ta' l-Għarb, Triq il-Blata, Pjazza Gerano, il-Pjazza ta' quddiem iċ-Ċentru u l-pjazza prinċipali tar-raħal. żgur li wara li jitlesta' dan ix-xogħol żgur li r-raħal jieħu dehra ħafna isbaħ minn kif inhu illum.

Il-Kunsill dejjem ħa ħsieb biex it-tagħlim jagħtih prijorità billi jorganizza diversi korsijiet ta' tagħlim f'diversi oqsma pero' sfortunatament xi drabi ma jkunx hemm konkorrenza biżżejjed mill-pubbliku u jkun ta' kaġun li xi korsijiet ma jsirux. Nieħu l-okkażjoni biex min għandu xi idejat ta' xi korsijiet iressaqhom lill-Kunsill u żgur li jiġu kkunsidrati.

L-attivitajiet li kienu jsiru matul is-sena bħal Karnival, Seħer il-Punent, l-Infiorata fil-festa tal-Viżitazzjoni, Jum l-Għarb, ħarġiet għall-anzjani, il-Halloween Night lit-tfal u mhux inqas l-attivitajiet ta' żmien il-Milied. L-attendenza kienet dejjem tajba. Nieħu gost illi s-suġġeriment li kont ressaqt snin ilu illi fir-raħal jiġu stallati security cameras, il-Kunsill qiegħed jerġa' jikkunsidra li jiġu stallati, bħala sigurta' għar-residenti tagħna.

Kienet sena ta' ħidma kontinwa u bla heda mingħajr daqq ta' trombi biex nara r-raħal tiegħi li twelidt, trabbejt u qiegħed ngħix bil-familja miexi l-quddiem u nwiegħed li nżomm kuntatt kontinwu mar-residenti tar-raħal.

Nieħu din l-okkażjoni biex inwassal ix-xewqat tiegħi ta' Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija risq u hena lill-poplu kollu ta' l-Għarb.

*Raymond Cassar*
**Viċi - Sindku**

❏ 7909 0937

---



Għeżież qarrejja,

Din hija l-ewwel esperjenza tiegħi bħala Kunsilliera u l-għan ewlieni tiegħi huwa li nkun ta servizz għal komunita' u li naħdem flimkien magħkom sabiex inġibu l-Għarb il-quddiem.

Ir-rwol mogħti lili mill-Kunsill huwa fil-qasam tas-saħħa u ndafa pubblika. Ta' min jgħid, illi aħna, għandna x-xorti li ngħixu f'raħal mogħni b'kull xorta ta' attrazzjonijiet. Għandna l-kampanja, bini storiku, djar antiki, knejjes il-ġmiel tagħhom, irdum u baħar li jgħaxxqu lil kull min jiġi jżurhom. Inħawi ta' sbuħija naturali kbira huma per eżempju n-naħħiet ta' San Dimitri, u Wied il-Mielaħ. Postijiet bħal dawn, jekk jinżammu ndaf, għandhom potenzjal qawwi li jiġbdu lejhom akar frustieri kif ukoll Maltin. Daż-żmien, aktar minn qatt qabel, il-barrani qiegħed ifittex il-kampanja u l-kwiet sabiex jistrieħ. L-Għarb għandu ħafna x'joffri f'dan ir-rigward. Iktar mar-raħal jiġi mfittex bħala destinazzjoni trankwilla u nadifa iktar jinħoloq kummerċ u xogħol. Mhux biss, iżda anki aħna bħala poplu ta' l-Għarb, inkunu nistgħu ngawdu aħjar l-ambjent mill-isbaħ ta' madwarna flimkien mat-tfal tagħna u l-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu. Għalhekk, nħeġġiġkom sabiex tikkoperaw kemm tistgħu biex il-kampanja tinżamm nadifa kemm jista' jkun u tużaw is-servizzi kollha mogħtija mill-Kunsill fejn tidħol ġbir ta' skart u ndafa pubblika.

Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil kull min tagħni l-fiduċja tiegħu biex nirrapreżentakom fil-Kunsill. Kull min jixtieq jgħaddi xi kumment jew suġġeriment jikkuntatjani jew javviċinani.

Nixtiqilkom il-Festi t-Tajba u Sena mimlija paċi, ħidma u sliem.

❑ garbo@onvol.net
❑ 9982 2704

*Dr Lisa Marie Brooke*
**Kunsillier**



Nixtieq nibda dan il-messaġġ billi nieħu l-opportunità sabiex nuri l-apprezzament tiegħi lejn il-poplu tal-Għarb għall-appoġġ u l-fiduċja li wera' fiha fl-elezzjoni ta' Ġunju li għadda, u ta' dan nirringrazzja lil kulħadd.

Diġa beda jgerbeb iż-żmien u minn Ġunju l'hawn għaddew bosta xhur. Diversi kienu l-laqgħat li għamilna bħala Kunsill. Għalija din kienet esperjenza ġdida u ngħid il-verità ċerta affarijiet kienu ġodda għalija. Però bi ftit impenn u bl-għajnuna ta' Alla malajr dħalt fl-ingranaġġ tas-sistema u stajt naħdem biex flimkien mall-bqija tal-Kunsill stajna noħolqu l-ġid tal-lokalita' tagħna u naslu għal deċiżjonijiet għaqlin u fil-kompetenza tagħna.

Bħala kunsilliera, ġew allokati lilna ċerta doveri fejn kull kunsillier ġew assenjati lilu ċerta setturi. Dan ma jfissirx li d-deċiżjonijiet fuq dawn s-setturi neħduhom individwalment, anzi xogħlna hu li nressqu l-proposti jew alternattivi quddiem il-Kunsill fejn imbgħad tittieħed deċiżjoni. Jien ġejt assenjat is-settur tat-transport, it-'traffic managment', l-'alternative energy projects' u l-'climate change strategy projects'. Illum l-ġurnata alternattivi għall-enerġija u t-tibdil fil-klima tagħna qed ikunu fuq fomm kullħadd u bħala raħal għad fadlilna x'nagħmlu biex inkunu konformi mat-teknologija moderna. Kemm fi żvilupp ta' sistemi kif ukoll bħala edukazzjoni tan-nies tagħna rigward dan l-qasam.

Minn hawn nixtieq nħeġġeġ lil kull min ikollu xi proposta, problema jew ideja, jressaqha lill-Kunsill. Bill-ko-operazzjoni ta' kull individwu nkunu nistgħu ntejbu l-operat tal-Kunsill għal-ġid tal-lokalità tagħna.

Wasalna fi żmien il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Nieħdu gost niddevertu b'moderazzjoni, fejn jidħlu parties nużaw il-prudenza u jekk wieħed jixrob naraw li ma jkunx ta' periklu la għalih innifsu u wisq anqas għal ħaddieħor.

Nixtieq nwassal x-xewqat tiegħi u tal-familja tiegħi lil kull min jaqra dan l-messaġġ għal Milied t-tajjeb u Sena mimlija b'dak kollu li tixtieq qalbkom. Tislijiet.

❑ muscat04@maltanet.net
❑ 7955 2223

*Emanuel Muscat*
**Kunsillier**



Bħas-snin l-imgħoddija f'Diċembru l-Kunsill Lokali tagħna, Għarb, joħroġ ir-rivista Leħen il-Punent li fiha wieħed isib l-attivitajiet kollha li jkunu saru matul is-sena li nkunu fiha. Jkun hemm ukoll il-messaġġ tas-Sindku u tal-Kunsilliera kollha, l-proġetti li saru u li qed isiru, u x'hemm maħsub għas-snin li ġejjin. Hija rivista ta' min jaqraha għax hija informattiva.

Qabel xejn nixtieq nirringrazzja mill-qalb lir-residenti kollha ta' l-appoġġ u l-fiduċja li urew biex nerġa' niġi eletta bħala Kunsilliera fi ħdan il-Kunsill Lokali għal-lokalità tagħna ta' l-Għarb. Is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera l-oħra tawni l-inkarigu biex nieħu ħsieb it-tfal, il-familji u l-anzjani. Barra dawn il-karigi, jien nwassal kull ilment li xi individwu jixtieq iwassal, basta dan ikun li nġibu 'l quddiem lill-lokalita' tagħna. Il-lokalita' tagħna hija magħrufa ħafna għas-settur turistiku u għall-kwiet. Importanti ħafna li nżommu l-lokalita' nadifa kemm it-toroq tagħna u kemm il-widien u l-għelieqi tagħna. Il-Kunsill jipprovdi skip kull nhar ta' sibt mid-9.00am sal-11.00am ħdejn il-ground tal-football biex min jkollu xi skart goff jkun jista' jieħdu hemmhekk u mhux jitfgħu fil-widien jew jaħarqu fl-egħlieqi. L-indafa hija sabiħa u tajba għal kulħadd. Anke li nsebbħu l-veranda jew it-twieqi b'xi qsari basta mhux fuq il-bankina għax il-bankina hija għan-nies.

Diġa bdew il-korsijiet għall-adulti. Min għandu xi ideja dwar xi korsijiet oħra li jistgħu isiru, ikellimna u aħna nagħmlu l-aħjar possibli, tajjeb kieku jkun hemm mill-inqas 6 persuni. Aħna nieħdu pjaċir meta n-nies tal-lokalita' jitgħallmu għax qatt mhu mitluf. Issa li wasal iż-żmien tal-Milied tajjeb li nżejjnu t-twieqi bil-Bambin jew b'xi presepju. Għat-tfal se jsir il-party fl-Iskola u jingħata rigal mill-Kunsill u f'Jannar nagħmlu ħarġa għall-anzjani. Id-dettalji jingħataw aktar 'l quddiem.

Filwaqt li nsellem lir-residenti kollha tal-lokalità tagħna, nixtiqilkom Milied ħieni u Sena Tajba mimlija barka tal-Mulej, saħħa u ġid. Dejjem tagħkom,

❑ carmenvella@nextweb.net.mt
❑ 7927 8087

*Carmen Vella*
**Kunsillier**



# Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalità

Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permezz ta' 'Leħen il-Punent' jibagħtu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalità. Hawn taħt qed jiġu ippublikati l-messaġġi kollha li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqdiet.

## Messaġġ miċ-Ċentru

Nieħu l-opportunità li qed jagħtina l-Kunsill Lokali ta' l-Għarb, biex, permezz tar-rivista 'Leħen il-Punent', qabel xejn infakkar li din is-sena 2009, jaħbat is-70 anniversarju taċ-Ċirklu tal-Azzjoni Kattolika ta' l-Għarb, li beda fl-1939. Ħadd m'għandu l-iċken dubju li, matul dawn is-snin, iċ-Ċirklu, llum magħruf bħala ċ-Ċentru Parrokkjali, sewa' ta' tant ġid lill-Komunita' Parrokkjali tagħna.

Propju din is-sena wkoll, sewwa sew fil-15 ta' Diċembru, jaħbat ukoll l-40 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Drammatika 'Għarb Stage Christophers' (twaqqfet fl-1969), li wkoll tat kontribut kbir, speċjalment permezz tal-palk.

Din hija, għalhekk, okkażjoni sabiħa biex insellem u nirringrazzja, f'isem iċ-Ċentru Parrokkjali, lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fid-diversi attivitajiet u inizjattivi, matul is-snin. Ħafna li kellhom konnessjoni maċ-ċirklu/ċentru, llum m'għadhomx magħna u għalhekk nitolbu għalihom.

Fejn jidħol l-palk, din is-sena għandna wkoll programm mimli. Fis-19 ta' Diċembru għandna l-Varjetà tal-Milied. F'Jannar 2010 se jkollna l-Kummiedja tassew divertenti, kitba ta' Carmel Bajada, li ġġib l-isem 'It-tieġ tas-sinjura żeż'. Fil-jiem tal-Karnival ikollna s-soltu serata tal-Karnival.

Ninqeda b'din l-okkażjoni, biex f'isem iċ-ċentru, inwassal l-Isbaħ Xewqat tal-Milied u tas-Sena l-Ġdida lil kulħadd.

*Dun Ġużepp Tabone*

## Sotto Kumitat tan-Nar

Ma temmnux kemm jidgerbeb malajr iż-żmien, filli l-Milied, malajr jiġi l-Għid il-Kbir u dlonk wara l-bieb tiġi l-festa titulari tar-raħal tagħna, li għalina, li nieħdu ħsieb in-nar tal-festa hija għażiża mmens. Tant hu hekk li spiritwalment inħossuna miġbudin lejn Alla u Ommna Marija daqs il-ferħ tal-Milied. Il-Milied għandu jkun ta' ispirazzjoni għalina lkoll, biex niftakru li l-ebda ferħ ma jista' jiġi bla tbatija, bla sagrifiċċju u mingħajr ma tkun kommess għal dak li għandek tagħmel u li għandu jsir. Jekk tridu tkunu tafu xi tfisser din il-frażi, ngħaqdu fis-Sotto Kumitat, kunu attivi u taraw it-tifsira. Ħudu mill-koppja sagra marru għaċ-ċensiment f'distanzi mbiegħda, esposti għall-elementi, b'Marija bi tqala avvanzata fuq ħmara bi tbatija u sagrifiċċji kbar u dan kollu biex jobdu l-bandu tal-Ħakkiema Rumani li riedu jagħmlu ċ-ċensiment.

Fuq skala ħafna iżgħar, anke aħna nbatu u nagħmlu sagrifiċċji. Forsi għalhekk il-festi ta' matul is-sena jqarbuna iżjed lejn il-Mulej. Aħna anke kommessi li bħal ma' Marija u Ġużeppi waslu Betlehem, aħna wkoll naslu biex inwettqu l-miri tagħna. Irrid nieħu l-okkażjoni qabel l-awgurju biex nirringrazzja lil dawk li waqfu magħna fit-telfa kbira ta' seħibna Renzo li tant għamel sagrifiċċji biex jitwettqu l-miri tagħna.

Filwaqt li nirringrazzja lil dawk li jsostnuna, nawgura f'ismi u f'isem sħabi tas-Sotto Kumitat tan-Nar, Milied ħieni u sena mimlija risq u barka lilkom u lil qrabatkom.

*Jacob Muscat*

## Kumitat Festa tal-Viżitazzjoni

Filli l-festa u filli l-Milied, u dlonk tgerbet sena oħra. Bħal ħafna oħrajn, fl-aħħar tas-sena nħobb nitkellem magħkom fuq is-sena li tkun għadha kif għaddiet, b'mod partikulari, dwar il-ħidma tal-kumitat tal-festa u l-festa ta' dik is-sena. Is-soltu naqbad fuq nota pożittiva billi ngħid li kellna festa sabiħa u li mar kollox b'wiċċ il-ġid. B'xorti ħażina, dan ma jgħoddx għal festa ta' din is-sena. Għalkemm l-andament tal-festa mexa kif kien ippjanat, żgur li din is-sena ser tibqa' mfakkra għall-problema ta' mard. Għalkemm huwa minnu li ħafna nies mir-raħal tagħna mardu għax laqqtu l-virus li kien jittieħed ħafna, żgur li ma kienx jistħoqqilna nispiċċaw fuq il-medja lokali kollha. Ta' min isemmi hawnhekk li fuq il-medja ssemmiet id-dulliegħa mimlija xorb alkoħoliku li s-soltu ssir matul il-marċ ta' filgħodu tal-Ħadd. Bħala prekawzjoni, din is-sena, id-dulliegħa ma saritx. Iżda l-ġurnalisti ddeċidew li l-firxa tal-mard kien ġej kollu minn din id-dulliegħa (li qatt ma saret). Barra minn hekk, il-problema tal-mard bdiet ħafna qabel il-marċ ta' filgħodu tal-Ħadd. Il-mard kompla jinxtered f'kull festa, għaliex fil-festi dejjem ikun hemm ġemgħat ta' nies fuq xulxin. Xorta jibqa' l-fatt li tagħna biss iżżefnet fuq il-medja. Biex tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni, kif konna nżarmaw l-aħħar erba' antarjoli, kellna inċident ikrah u l-president tal-kumitat laqqat daqqa ta' pistiega u kellu xorti kbira li għadu magħna. Ftit ġimgħat wara, r-raħal kollu nħasad meta ġriet l-aħbar li konna tlifna lil Renzo Grima b'inċident tat-traffiku. Għal min ma jafx, Renzo kien wieħed mill-aqwa membri li kellna fil-kumitat. Kont issibu dejjem minn tal-ewwel biex jagħti daqqa t'id għal kull biċċa xogħol.

Matul il-festa li għaddiet żanżanna liedna ġdida għall-pjazza u oħra fejn titla' l-istatwa l-ġdida. Għal min ma jafx liedna hi dik il-girlanda twila tal-plastik li tiddendel mal-fistun tad-dawl ta' lewn abjad u blu. Din ġiet tiswa elf ewro, spejjeż biss, għax ix-xogħol sar kollu volontarjament. Kellna ukoll donazzjoni ta' €60. Għalhekk filwaqt li nirringrazzja lil dawk li ħadmuha, nagħmel appell biex min jista', jagħtina donazzjoni. Minbarra din il-lieda, din is-sena, grazzi għall-benefattur, l-istatwa l-ġdida ġiet iddekorata u tlestiet minn kollox. Ġew irrestawrati ukoll il-brazzi tal-palk. Kull wieħed ġie jiswa €25, spejjeż biss, għax ix-xogħol sar kollu volontarjament. Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom, sew fix-xogħol fosthom lil Gozo Glass u lil Alvin Pacekif ukoll bħala finanzi. Prosit, dawn inġabru kollha minn – Sunta Camilleri, Ġużeppa Formosa, Michael Formosa, Betty Farrugia, Maria Agius, Lisa Frendo, Ċetta Piscopo, Rosa Galea, Joseph Farrugia, Leli Galea u Ġinju Portelli. Wara il-festa dorna dawra l-arbli tat-trofej ta' Triq il-Knisja u beħsiebna ukoll induru dawra l-ħadid tal-padistall tad-dimostrazzjoni. Din l-aħħar sena kien għaddej ukoll ix-xogħol fuq id-dekorazzjoni tal-padistall tal-istatwa l-ġdida. Għal dan ix-xogħol, kellna donazzjoni ta' €160. Iżda dan il-proġett ser jiswilna ħafna mijiet ta' ewro. Nagħmel appell biex min jista' jagħtina donazzjoni. Bħas-soltu, ix-xogħol li nistgħu nagħmlu aħna, qed isir kollu volontarjajment. Għalkemm diffiċli, ser nagħmlu dak kollu possibli biex is-sena d-dieħla dan ikun lest. Proġett ġdid għas-sena d-dieħla hu sett bandalori ġodda għat-triq li minnha tgħaddi l-purċissjoni għax dawk li hemm kif jgħidu, ruħhom fi snienhom. Matul ix-xahar ta' Diċembru ser nippreżentaw id-disinn tagħhom fil-knisja. Dawn ser iżommu l-istess suġġett tal-qodma, jiġifieri, il-litanija tal-Madonna. Kull bandalora kompluta ser tiġi tiswa €850 – id-drapp, il-ħjata, l-isfumar u l-pittura inkulżi. Jekk hawn xi familji jew individwi li jixtiequ jħallsu xi waħda nħeġġiġhom jkellmuna.

Kif tistgħu timmaġinaw il-kumitat, mingħajr l-għajnuna tagħkom, żgur li ma jistax jidħol għal dan ix-xogħol kollu, avolja ħafna mix-xogħol isir volontarjament. Iżda dan qatt ma qatalna qalbna għax kif dejjem ġara, dejjem sibna l-għajnuna tagħkom. Jiġri x'jiġri u diffiċli kemm diffiċli kienet is-sitwazzjoni, il-festa dejjem kienet għal qalb dawk kollha li jħobbu r-raħal tagħna. Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lill-benefatturi kollha tagħna. Dawk li jixtiequ jgħinu f'xi wieħed minn dawn ix-xogħlijiet, jew jagħtu xi donazzjoni, jistgħu jkellmu lili, lil Raymond Cauchi jew lil Michael Caruana. F'isem il-Kumitat nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nawgura l-Milied it-Tajjeb u s-Sena l-Ġdida mimlija risq lill-membri kollha tal-porroċċa tagħna. Saħħiet

*Ruben Camilleri*



Għarb Rangers

## QED NINVESTU FIN-NURSERY

Għal dan l-istaġun 2009/10, il-kumitat ħaseb biex jikkultiva iktar is-settur taż-żgħar waqt li ma jittraskurax lill-kbar.

Il-President Joseph Cauchi mgħejjun minn Joseph Cassar u Joseph Mizzi, daħal b'ruħu u ġismu biex jorganizza n-nursery. Grazzi għal dawn it-tlett min-nies nistgħu ngħidu li nħoloq ambjent pjaċevoli fejn uliedna qegħdin jirrekrejaw irwieħhom u jitħarġu f'din il-logħba tant popolari tal-ballun.

Bl-għajnuna finanzjarja tal-ġenituri, t-tfal kollha ġew provduti b'kit għat-taħriġ filwaqt li l-kumitat ħasbilhom għat-tracksuits u gerijiet. Dħalna fl-Under 12 u fl-Under 14 u ġibnielhom kowċ kwalifikat, ċertu Vincent Agius mix-Xagħra. Bla tlaqliq ngħidu li dan il-kowċ qed jirnexxielu jibni dawn iż-żewġ timijiet tant tajjeb li fil-kompetizzjonijiet rispettivi tagħhom sejrin tajjeb ħafna. Nawguraw li jibqgħu magħqudin u dixxipplinati, ħalli l-pedament ikun sar fis-sod biex il-futur ikun garantit.

Rigward it-team tal-kbar. Fl-istaġun l-ieħor spiċċajna fit-tielet post fost seba' timijiet. Din is-sena kellna nibdlu l-kowċ għax li kellna telaqna biex imur mat-team ta' l-ewwel diviżżjoni Victoria Hotspurs. Minfloku ġibna lill-kowċ Dominic Grech li għandu ħafna esperjenza, però sab li ma jistax ikompli fuq ta' qablu għax inbiddlu diversi players u kellu jibda' kollox mill-ġdid. Sakemm qed nikteb għadna ma ksibniex ir-riżultati mixtieqa pero' jiena konvint li fit-tieni round ser immorru aħjar għax ċert li bil-paċenzja u bi ftit aktar żmien il-kowċ ser jibni team kompetittiv.

Il-Milied u s-sena t-tajba lir-residenti kollha ta' l-Għarb.

*Louis Apap*

Azzjoni Kattolika

## MESSAĠĠ MILL-GĦAQDA TA' L-AZZJONI KATTOLIKA TA' L-GĦARB

F'isem l-għaqda ta' l-Azzjoni Kattolika tagħna, nixtieq inwassal l-isbaħ xewqat lil kull familja f'dan ir-raħal sabiħ ta' l-Għarb.

Lanqas irrid nemmen li għaddiet sena oħra u erġajna qegħdin nippreparaw għal dan iż-żmien tant sabiħ tal-Milied. Hija ħasra llum li aħna tant għandna moħħna okkupat b'elf ħaġa, li xi ftit jew wisq qegħdin nitilfu it-tifsira ta' dan iż-żmien tant għaziz tal-Milied. Jiddispjaċik meta minn fomm xi wħud ġie li tisma l-kliem, "Kemm jaqla' taħbil tal-moħħ dan il-Milied!"

Ġesù jrid iġibilna paċi u ferħ u mhux l-inkwiet. Forsi qegħdin nagħtu ħsieb żejjed għal tant attivitajiet materjali, li forsi mingħajr ma nindunaw qegħdin itelfuna li ngawdu dan iż-żmien prezzjuż.

X'nistgħu nagħmlu? L-ewwelnett nippruvaw inħallu aktar spazju f'moħħna u f'qalbna għall-ferħ qaddis li l-Bambin Ġesù Hu dejjem lest li jagħti lil min jitlobulu.
Nispiċċa b'din it-taqbila:

**Il-ħajja sabiħa,**
**Inwarbu l-ħsibijiet,**
**U ngħożżu sewwa,**
**Iż-żmien tal-Milied.**

Nixtieq Milied hieni u sena mimlija ferħ u barka mingħand il-Mulej.

Għaqda Koppji

## MESSAĠĠ MILL-GĦAQDA TAL-KOPPJI

Aktar ma titgħallem, aktar tinduna kemm ma taf xejn fil-ħajja. Dan jgħodd ukoll għat-tagħlim Spiritwali. Imma mbagħad min irid in-nar ifittxu hu. Mhux diffiċli biex issib fejn tmur titgħallem llum. Fil-parroċċa tagħna għall-grazzja ta' Alla għandna ħafna laqgħat fosthom dik tal-koppji li ssir kull nhar ta'Sibt. Huwa appuntament ta' siegħa minn mija u tmienja u sittin siegħa fil-ġimgħa.

Din is-siegħa qed nagħtuha lil xulxin bħala koppja u tgħin ħafna lill-familja tagħna fil-mixja mhux biss spiritwali imma fil-ħajja ta' kuljum. Is-sena qed niddiskutu u nitgħallmu fuq suġġetti varji u għad li jmexxi l-laqgħa l-Arċipriet se jkollna ukoll diversi kelliema esperti fuq suġġetti li jolqtu lil kull familja. Qatt mhu tard wisq biex tibda' tattendi. Forsi r-riżoluzzjoni tas-Sena l-ġdida għandha tkun din li nibdew nattendu xi laqgħa.

Bħala għaqda żgħira imma perseveranti fil-parroċċa tagħna nixtiequ Milied ħieni u Sena ġdida mimlija hena, dik li jagħtina is-Sinjur fqir li twieled biex jifdina

# Għarb
## CLUB OF MELBOURNE

Merħba lilkom u lill-familji tagħkom. Jiena Franky DeBrincat ġejt mitlub mill-Kunsill ta' l-Għarb biex nikteb artiklu dwar il-Club ta' l-Għarb ġewwa Melbourne, Australia. Dan il-Club ġie mwaqqaf f'Mejju 2006 bl-iskop biex jibda' jiċċelebra b'mod ferrieħi l-festa tal-Viżitazzjoni ta' Marija lil Santa Elizabetta. Fl-istess waqt il-Club jagħti opportunita' lill-emigranti mill-Għarb ġewwa Melbourne li jiltaqgħu ma' xulxin tal-inqas darba fis-sena fejn jiċċelebraw il-festa b'quddiesa u wara ikunu mistednin għal 'get together' fejn ir-refreshments ikunu pprovduti mill-Club.

Din il-festa kien ilha s-snin tberren ġewwa moħħi, sa fl-aħħar għamilt il-kuraġġ li naqgħad dan il-kumitat. Dan jikkonsisti minn ħames membri li huma Emmanuel Cauchi, Joe Mizzi, Michael Apap, Sam Apap u jiena li flimkien bdejna niċċelebraw il-festa taż-żewġ ġewwa Melbourne.

L-ewwel festa saret il-Ħadd, 2 ta' Lulju 2006 fis-2.30pm ġol-knisja ta' St Bernadette's North Sunshine. Aħna xandarna l-festa fuq ir-radio tas-SBS (radio ta' ħafna lingwi) kif ukoll fil-bullettin tal-parroċċi fejn nafu li jgħixu l-emigranti mill-Għarb kif ukoll minn irħula oħra. Il-producer tas-SBS Radio, Joe Axiaq, għamilli intervista fejn tkellimna dwar il-Club ta' l-Għarb ta' Melbourne u dwar il-festa tal-Viżitazzjoni. Għal din il-festa attendew numru sabiħ ta' familji mill-Għarb u dawn kollha ħadu magħhom ktieb li stampajna dwar il-kumitat, l-festa u messaġġi mill-Għarb, ktieb li jiġi stampat kull sena. Nixtiequ li intom kontu preżenti magħna għal din il-festa. Kien hemm xi familji li kien ilhom ma jaraw lil xulxin għal iktar minn 30 sena, wieħed jista' jaħseb x'ferħ inqala' dak in-nhar. Kulħadd għamlilna l-kuraġġ li nibqgħu nagħmlu l-festa ta' kull sena. Għall-ewwel festa l-Club irċieva bandalora bil-pittura tal-Viżitazzjoni minn Għawdex li kienet rigal personali minn David Apap.

S'issa kull sena kellna xi attivita' speċjali. Fit-22 ta' Lulju 2007 ipparteċipajna bl-istandard tal-Viżitazzjoni fil-katidral ta' St Patrick's f'Melbourne għal kanonikazzjoni tal-ewwel qaddis Malti Dun Ġorġ Preca. Okkażżjoni oħra kienet fit-22 ta' Frar 2009 meta konna preżenti għall-kxif tal-monument tal-bronż tal-istess qaddis mill-President ta' Malta ta' dak iż-żmien Dr. Eddie Fenech Adami. Dan il-monument jinstab fil-ġonna tal-istess katidral. Fis-6 t'Awissu 2007 il-Club ġie mistieden għal riċeviment li kien mogħti lill-Prim Ministru ta' Malta Dr. Lawrence Gonzi fil-Maltese Association Hobsons Bay Community Centre.

Waħda mill-idejat tal-Club hi li fejn nistgħu ngħinu lill-ħaddieħor. Fit-18 ta' Lulju 2008 il-Papa ġie Sydney għal World Youth Day. Grupp ta' pellegrini mis-South Africa kienu sponsorjati mill-parroċċa ta' St Bernadette's Melbourne fejn għexu għal żmien ġimgħa qabel ma marru Sydney biex jiltaqgħu mall-Papa. Aħna tajna donazzjoni żgħira ta' flus biex jinxtara xi ikel għal dawn iż-żagħżagħ. Fis-7 ta' Frar 2009, ġol-Victoria Australia kellna ħafna nirien, bushfires, fejn mietu madwar 200 ruħ u nħarqu fuq 7000 djar. Nies minn kull rokna tad-dinja bagħtu l-għajnuna tagħhom. Aħna min-naħa tagħna tajna donazzjoni ta' flus għal dan l-għan.

Is-sena d-dieħla l-Club se jagħlaq 5 snin mit-twelid tiegħu. Aħna, tal-kumitat, ġietna l-ideja li nordnaw statwa sabiħa tal-Viżitazzjoni biex il-festa tkun kompluta. Għalhekk ħadna l-opportunita' u meta Michael Apap, membru tal-kumitat, kien qiegħed Għawdex għall-holidays ħa ħsieb biex jordna din l-istatwa. Din mhix ikbar minn metru u l-pedestal nofs metru u qegħda tinħadem mill-iskultur Għawdxi Hubert Saliba. Ix-xogħol beda miexi u hekk fl-aħħar ta' Novembru kienet lesta. Is-Sindku ta' l-Għarb xtaq li ssir festa żgħira fl-Għarb bl-istatwa u għalhekk tagħnih permess biex issir bil-patt li titbierek mill-Isqof Nikol Cauchi. Din il-festa saret fis-6 ta' Diċembru 2009 u mbagħad wara kellha tintbagħat lejn l-Awstralja. Ma l-istatwa ordnajna kuruna bħal dik li hemm fl-Għarb biex il-quddiem isir mant tar-royal blue għal fuq l-istatwa.

Ta' dan kollu nixtieq nirringrazzja minn qieħ qalbi lil sħabi tal-kumitat. Ma ninsa qatt lill-ħabib tiegħi Joe Cauchi (ta' Sander) li ħalliena din is-sena biex jingħaqad mall-Mulej, tal-inkuraġġiment li tagħni biex nibda' norganizza din il-festa li hu kien tant kburi tagħha u tar-raħal tagħna. Għatih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem. Nixtieq ukoll nirringrazzja lis-Sindku David Apap li sa mill-bidu tat-twaqqif tal-kumitat dejjem sibna l-għajnuna tiegħu. Grazzi ħafna lill-benefatturi tal-istatwa u tal-proġett kollu speċjalment l-emigranti tal-Għarb ġo l-Awstralja.

Nagħlaq billi nagħti l-awguri tal-Milied it-tajjeb u s-Sena t-tajba lil kulħadd. Saħħa u Viva ż-żewġ!

# MISSJUNARJU KBIR



Dalgħodu ħarist lejn il-kalendarju u rajt id-data 18 ta' Novembru. Dritt ftakart li għada jaħbat ir-raba' anniversarju mill-mewt ta' Dun Karm Attard u ħsibt li nikteb xi ħaġa dwar dan il-missjunarju kbir.

Twieled in-Nadur fl-24 ta' Settembru 1911. Kienu familja kbira u fqira, imma billi Dun Karm xtaq ikompli jistudja, bagħtuh is-Seminarju r-Rabat. Kif qalli hu stess, kien jinżel min-Nadur bil-mixi u fil-brejk ta' nofsinhar, kien kuljum imur jinvista lill-Madonna ta' Pinu u l-ħobż jieklu mat-triq. Lura l-iskola u wara jerġa lejn id-dar bil-mixi wkoll.

Saċerdot min-Nadur ħa nteress fih. Ġabarlu xi flus u bagħtu Katanja fejn daħal bħala student mas-Sależjani fit-28 ta' Diċembru 1925. Bagħtuh l-Indja fit-3 ta' Diċembru 1933. Ġie ordnat saċerdot fl-Indja fit-3 t'Ottubru 1942. Minħabba l-gwerra, l-ewwel quddiesa solenni fin-Nadur qaddisha 10 snin wara, fit-8 ta' Ġunju 1952. Ħadem għal 70 sena fil-Missjoni u waqqaf 7 parroċċi li llum, minnhom ħarġu 4 Djoċesijiet, jiġifieri kollha bl-Isqof tagħhom.

Se nikteb biss xi punti fuq dan il-Missjunarju kbir li għalija kien ħija u missieri fl-istess ħin.

**Umiltà:** Kien dħuli ma' kulħadd u qatt ma smajtu jilmenta minn xi ħaġa. Dejjem mar fejn bagħtuh is-superjuri tiegħu u wettaq ix-xogħol li tawh bl-ikbar reqqa. It-tielet darba li mort fejnu, ried iwassalni sal-Airport bħas-soltu, x'ħin nitlaq. Ir-rettur ma tahx permess. Kemm kien inked, miskin!! Tant li fl-aħħar saqsa lir-rettur: "Jien għamilt xi ħaġa mhux sewwa, u b'kastig ma tajtnix permess immur ma' Esther?" Ir-rettur wieġbu li beżgħu li jieħu battikata billi l-vjaġġ l-hinn u lura kien twil. Allura ħallewh jiġi u ġie ieħor miegħu. Darba ġie miegħi l-Għarb biex inżuru xi benefatturi u dħalna fis-sangristija tal-knisja. Kien hemm qassis li kien għadu kemm qaddes u Dun Karm mar fuqu, tbaxxa u bieslu idu. Hu qatt ma ftaħar bix-xogħol li għamel. Anzi kien jiddejjaq meta jagħtuh xi unur speċjali.

**Ħeġġa:** Għad li mdaħħal sew fiż-żmien, kien dejjem iqaddes fis-7 ta' filgħodu għall-istudenti u jħeġġiġhom, speċjalment qabel il-vaganzi, meta kienu jmorru fir-raħal tagħhom fejn kien għad hemm ħafna pagani. Kien jgħidilhom biex huma jkunu missjunarji bl-imġieba u l-mod kif jgħixu.

**Natural ferrieħi:** Dejjem bit-tbissima fuq wiċċu u jiċċajta. Għalkemm, dan l-aħħar naqsu ħafna s-smiegħ u d-dawl u l-anqas kien jiflaħ jimxi, qatt ma gerger. L-aħħar darba li kont hemm – sena qabel ma miet – konna mexjin flimkien fil-kuritur, ta' Savio Juniorate. Hu jserraħ fuq il-bastun u jien inkarkar miegħu. F'daqqa waħda, waqaf u qalli bi tbissima: "Tiftakar kien hemm raġel u mara tallaba r-Rabat?" Prota għidtlu: "Fonżu u Dolora". Qalli: "Hux hekk qisna aħna t-tnejn"? Dħakt bil-qalb għax qrali l-ħsieb li kelli f'moħħi!!

**Kuraġġ:** Dejjem kien kuraġġjuż u ma jaqta' qalbu minn xejn. Darba qalli, li waqt vjaġġ missjunarju kien miexi fil-ġungla meta f'daqqa waħda ra tigra ġejja għal fuqu. Iż-żewġ katakisti li kellu miegħu xxabtu mas-siġra u baqa' waħdu. Pront ħareġ il-kuruna tar-Rużarju mill-but u għamilha quddiemu. It-tigra dawret wiċċha u telqet! Darb'oħra, kont hemm jien, Il-kattoliċi għamlu laqgħa ta' protesta fil-pjazza ta' quddiem il-Katidral. L-Arċisqof ma riedx li jmorru saċerdoti Ewropej. Imma Dun Karm mar u kien minn ta' quddiem għax qal "Jien sirt wieħed minnhom!"

**Imħabba:** Lit-tfal kien iħobbhom wisq. Fl-uffiċċju tiegħu kellu tieqa għal barra. Jien kont immur ngħinu xi ftit billi kellu ħafna xogħol. Darba ġew xi tfal iħabbtu mat-tieqa. Dun Karm qalli: "Iftaħ il-kexxun u tihom ħelwa kull wieħed." Hekk għamilt, imma ġara li bdew ġejjin ħafna tfal mat-tieqa. Fl-aħħar il-ħelu spiċċa. Anke l-Christmas Cards li kienu jaslulu, kont naqtagħlhom is-santa biex jagħtiha lit-tfal. Dun Karm kien maħbub minn kulħadd, anke mill-Ministri u membri tal-gvern li kien għallimhom f'xi żmien.

Meta forsi xi ħadd kien jonqsu, ma kien jgħid xejn, imma jitlob bil-qalb sew fil-kappella u anke fl-istudju tiegħu fejn kellu Kurċifiss kbir imdendel mall-ħajt faċċata ta' l-iskrivanija. Kien jibki ma' min jibki u jifraħ ma' min jifraħ, b'qalb ta' Missier.

Qatt ma ried jiġi lura lejn Għawdex għax qal li jrid imut fost dawk li għadda 70 sena magħhom.

Il-Mulej qatagħlu xewqtu u numru kbir ta' saċerdoti ġew anke mill-bogħod għall-funeral tiegħu fil-Katidral ta' Shillong. Issa, mis-Sema, qed ikompli jitlob għall-ħbieb u benefatturi kollha tal-Missjoni.

Għażiż Dun Karm, ftakar fina u idħol għalina fil-bżonnijiet kollha tagħna.

***Esther Mizzi***

# Children's Corner

## GLOBAL WARMING

**Do scientists agree about global warming?** Scientists who study the climate are still arguing about how fast the earth is warming and how much it will warm, but they do agree that the earth is warming and that it will keep warming if we don't do anything about it.

**What is causing global warming?** Scientists agree that the burning of fossil fuels like oil and coal cause greenhouse gases to escape into the air and that these gases are causing most of the warming. Another cause is deforestation (cutting down trees). Trees soak up carbon dioxide, one of the greenhouse gases, from the air.

**What is the difference between "global warming" and "climate change?"** "Global warming" refers to the increase of the Earth's average surface temperature, due to a build-up of greenhouse gases in the atmosphere. "Climate change" is a broader term that refers to long-term changes in climate, including average temperature and precipitation.

**What will happen if global warming continues?** There are already some changes happening because of global warming. Sea level is rising and some animals are already moving to new homes. It's already too late to stop global warming completely.

If the warming gets worse, as scientists expect, there may be some kinds of plants and animals that become extinct (disappear completely) because they can't move to new homes. There may be more storms and floods. Sea level may rise so much that people have to move away from the coasts. Some areas may become too dry for farming.

**What is being done about global warming?** Global warming is a very difficult problem to fix. People are having a hard time agreeing on what to do about it. For example, everyone agrees that wasting energy is a bad thing to do. But some people think that the federal government should make laws about it, while other people think it should be up to each person or business to decide what to do. Many states and businesses in the United States are not waiting until the federal government decides what to do. They have already started working on the problem.

**What can I do about global warming?** You don't have to wait until you are grown to do something about global warming. Scientists agree that the burning of fossil fuels is causing global warming. Since these fuels are burned for energy, and everyone uses energy, everyone can help stop global warming just by using less energy.

Think about the things you do each day that use energy. The lights in your house use electricity. The TV and computer use electricity. The washing machine, dishwasher and dryer all use gas or electricity. Every time you ride in your car, it uses gasoline.

**There are some simple things that you can do to help stop global warming**:





◀ Turn off the lights when you leave a room. Use fluorescent bulbs in your room.



◀ Turn off your computer or the TV when you're not using it. Unplug chargers when not in use.

▲ Wait until you have a lot of clothes to wash. Don't use the washing machine for one item just because it's your favorite shirt.



◀ Close the blinds on a hot day if the sun is shining in. Dress lightly instead of turning up the air conditioning. Or use a fan.



◀ Dress warmly inside your house when it's cold, instead of turning up the heat.



◀ Plant a tree.



◀ Take shorter showers. Heating water uses energy.



◀ Bike or walk short distances instead of asking for a ride in a car.

# Wied il-Mielaħ – lejn turiżmu sostenibbli li jirrispetta l-ekoloġija u l-ambjent

Għaddiet sena minn meta f'din l-istess pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Għarb informajnikom dwar dan il-proġett uniku li l-Kunsill kien beħsiebu jwettaq.

Illum, sena wara, żgur li kull persuna fl-Għarb, u mhux biss, saru jafu dwar dan il-proġett. Anzi, il-Kunsill tagħna qed jiġi spiss mitlub jaqsam ma' oħrajn l-esperjenzi li qed nagħmlu f'Wied il-Mielaħ f'diversi konferenzi li jsiru f'pajjiżna. U nibqgħu Kunsill li dejjem ħares 'il quddiem biex itejjeb l-ambjent u jagħmel mil-lokalita' tagħna, lokalita' bi żvilupp sostenibbli. Għax kif konna ħabbarnielkom aħna, mhux xogħol ta' tindif biss qegħdin jew ser nagħmlu! Imma ser noħolqu minn Wied il-Mielaħ u dawn l-inħawi f'mixja fil-kampanja biex titgawda mhux biss minna, n-nies tal-Għarb, imma minn kull Għawdxi u turist Malti jew barrani li jiġi jżur gżiritna.

**Dak li qed inwettqu llum qed jidħol kexxun fil-Viżjoni li għandu l-Gvern Ċentrali, li jagħmel minn Għawdex Gżira Ekoloġika. Li kull Kunsill f'Għawdex u f'Malta għamel proġett simili bħal tagħna! Ara daqxejn kif biddilna l-widien t'Għawdex!**

## ĦITAN TAS-SEJJIEGĦ

Minn kellu x-xorti jinżel sal-inħawi ta' Wied il-Mielaħ, żgur li ra medda oħra twila ta' ħitan tas-sejjiegħ irranġati. Fadal xi oħrajn xi jsiru u rridu li nirranġaw ukoll il-koxox ta' fejn hemm il-fetħiet għal fuq il-wied. Il-ħitan tas-sejjiegħ mhux qed isiru biss għas-sbuħija. L-iskop oriġinali tagħhom kien li jżommu ammont ta' ħamrija biex il-wiċċ ikun jista' jagħti l-frott, b'mod partikulari fi żmenijiet fejn il-biedja kienet bil-wisq iktar importanti għall-bniedem milli wieħed jaħseb



li hi llum. Fejn ħitan tas-sejjieħ jitħallew mitluqin, max-xita tintilef ammont kbir ta' ħamrija li titkaxkar mal-ilmijiet. Din hija ħsara kbira li ħitan tas-sejjiegħ f'saħħithom biss jistgħu jilqgħulhom. Nistennew li issa wara dan ix-xogħol li wettaqna nibżgħu għall-ħitan tas-sejjiegħ! U dan mhux għax ix-xogħol qed iwettqu l-Kunsill. Hemm liġijiet tal-pajjiż dwar dan. Saħansitra ltqajna ma' liġi li għaddiet fi żmien l-Ingliżi (31 t'Awwissu 1816) li kienet tgħid, fost oħrajn, li slieħi għandhom jitranġaw fi żmien 24 siegħa; li min jiftaħ xi bieb għandu iħalli l-ġebel tal-fetħa fl-għalqa tiegħu u mhux barra fit-triq. U dawn il-liġijiet ma nafux li nbidlu!!!!

## TINDIF TA' TERRAPIEN U ĦAMRIJA

Stajtu tinnutaw ukoll it-tindifa ġenerali li hemm matul il-wied. Wara dak it-tindif kollu li għamilna fl-ewwel fażi tal-proġett, diġa erġajna ħriġna 'l barra b'madwar 1800 metru kubu ta' skart u terrapien waqt li b'madwar 2400 metru kubu ta' ħamrija reġa tpoġġa fl-egħlieqi.

## X'FADLILNA NAGĦMLU SA' MARZU 2010

Il-proġett ta' Wied il-Mielaħ, kif konna ħabbarnielkom sena ilu, mhuwiex biss tindif u bini tal-ħitan tas-sejjiegħ. Hemm ħafna iktar xogħol x'isir.

Sakemm tkunu rċivejtu din il-pubblikazzjoni u qed taqrawha, ser ikun sar parti mix-xogħol biex nagħtu **wiċċ ġdid lit-triq**. Il-programm tagħna huwa li nkunu bdejna mill-barumbara 'l isfel sal-kosta biex il-parti ta' quddiem issir wara li jkun tlesta x-xogħol fir-*rising main* tad-drenaġġ. Mal-wiċċ ġdid li ser isir bil-konkos u anke ser tingħata xibka, ser jitranġa ukoll ċ-ċint ta' fuq il-wied. Għandna l-ħsieb li kif inkunu nagħtu l-wiċċ tat-triq nirranġaw ukoll uħud mir-rampi li jagħtu ġol-egħlieqi.

Waħda mill-problemi li jħabbat wiċċu magħha min jinżel fil-wied, l-iktar meta tkun nieżel l-ilma, huwa li t-triq bħalissa sserrep u taqsam minn ġol-wied. Ħsibna biex insibu soluzzjoni għal dan billi nibnu ***bridges*** kull fejn it-triq taqsam il-wied. Il-permessi tal-MEPA ħarġu u x-xogħol għandu ukoll jibda dalwaqt.

Mill-MEPA qed nistennew ukoll li jagħtuna

**Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013**
**Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life**
**Project part-financed by the European Union**
**European Regional Development Fund (ERDF)**
**Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds**

**Investing in your future**

l-permessi biex nibnu madwar **6 diegi** oħra biex dawn jilqgħu l-ilma tax-xita li jkun jista' jintuża għat-tisqija. Bit-tindif li sar fid-diegi li diġa hemm u b'dawk li ser jinbnew ġodda naħsbu li ser nżidu l-volum tal-ilma għat-tisqija b' madwar 17,550 metri kubi.

Il-Kunsill ilu jaf ukoll li xi operaturi ta' turiżmu tad-*Diving*, ilhom jirreklamaw Wied il-Mielaħ bħala sit tajjeb għall-għaddasa. Kellna laqgħat ma' dawn l-operaturi li qed iħarsu 'l quddiem b'fiduċja li nlestu l-proġett biex wara li jkun waqaf it-tfiegħ tad-drenaġġ fil-baħar tal-inħawi, meta jippermetti t-temp ikunu jistgħu jużaw dawn l-inħawi biex igawdu l-isport favorit tagħhom u b'hekk noħolqu sit ieħor fejn bugħaddasa barranin ikunu jistgħu joddsu madwar Għawdex. Minn bnadi oħra fejn kien jintefa' d-drenaġġ u issa waqaf nafu li trabba ammont kbir ta' ħut li jkunu attrazzjoni għall-bugħaddasa. Biex noħolqu l-ambjent tajjeb li jilqa' l-bugħaddasa, ser **nirranġaw it-taraġ li hemm li jwasslek sal-baħar** li parti minnu saħansitra tkisser bil-mewġ.

Il-ħsieb tagħna minn dejjem kien li l-ewwel li jgawdu minn dawn l-inħawi tkunu propju intom in-nies tal-Għarb u b'dan il-ħsieb f'moħħna ser nirranġaw ukoll dik il-parti ta' qrib il-kosta biex tkun **post ta' rikrejazzjoni għall-familja kollha.**

Dawk li kellhom ix-xorti jsiefru jafu ukoll li f'postijiet fejn jinbidlu f'attrazzjoni turistika jkun hemm il-mezzi kollha li turist ikun jista' jesperjenza l-inħawi mill-aħjar li jista'. Għal dan il-għan ser **inpoġġu tromba kbira qrib il-kosta** biex turist u kull min ikun f'dawk l-inħawi jkun jista' jgawdi aħjar l-ambjent u xi jkun għaddej minn fuq il-baħar u ser inpoġġu ukoll **apparat awdjo-viżiv** fi Pjazza Ġerano u fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja, li wieħed barrani jkunu jista' jisma dwar l-istorja tal-Għarb u ta' Wied il-Mielaħ.

Ċert li qed tapprezzaw li l-Kunsill daħal għall-proġett ambizzjuż u l-ewwel wieħed ta' din il-kwalita' f'Għawdex. Ma jistax jonqos li l-Kunsill ma jistax jippermetti ħsarat jew xi forma ta' vandaliżmu u għalhekk ħsibna li nwaħħlu ***security cameras.*** Tajjeb ukoll li ngħidu hawnhekk li kull apparat li ser inħaddmu ser nippruvaw li nagħmluh jaħdem bl-enerġija solari ħalli żgur inkunu verament qed nagħtu eżempju ta' kemm irridu nagħtu sehmna lejn il-Viżjoni tal-Gvern ta' Għawdex Gżira Ekoloġika u biex nagħtu ukoll il-kontribut, anke jekk żgħir tagħna, biex



innaqqsu l-emissjonijiet $CO_2$.

Proġett bħal dan ma jkunx komplut jekk ma nippubblikawx **ktejjeb dwar din il-mixja fil-kampanja u fuljetti** biex jitqassmu fejn ikun hemm it-turisti biex niġbduhom lejn Wied il-Mielaħ. Din il-mixja ser tibda minn ħdejn is-siġra għal Ta' Pinu u ddur mal-kosta għal ħdejn San Dimitri u lejn Birbuba! Ser tkun passiġġata tajba anke għal min irid jagħmel ftit tal-eżerċizzju għal saħħtu. Ser noħolqu ukoll paġna ġdida fuq il-**web-site** dwar dan ix-xogħol kollu li qed u li ser jitwettaq.

Dan il-proġett kien jibqa' biss ħolma li ma kienx li bħala membri fl-Unjoni Ewropeja qed nieħdu seħem mill-flus li pajjiżna qed jingħata taħt il-Fond ta' Ko-eżjoni għas-snin 2007 – 2013. L-ispiża kollha ser tqum madwar €570,000 li 85% minnhom ġejjin mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, 8.78% mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni u 6.22% mill-Kunsill tagħna.

## *RISING MAIN*

Il-Qawl Malti jgħid li kull deni ħudu b'ġid! Naħseb li d-diżgrazzji u l-abbandun u l-ħsara li saret meta tpoġġa l-*main* tad-drenaġġ li wassluna biex noħolmu li nagħmlu dan il-proġett f'Wied il-Mielaħ. Minn post mitluq ser nagħmluh attrazzjoni turistika. Ma nistgħux nerġgħu nġibu l-Wied fl-istat oriġinali tiegħu. Imma żgur li ser inħalluh aħjar milli sibnieh.

Bħalissa għaddejjin xogħolijiet biex id-drenaġġ ma jibqax jintrema' fil-baħar ta' Wied il-Mielaħ. Il-katusi li hemm jgħaddu mill-wied ma jistgħux jitneħħew għax dawn iridu jibqgħu hemm f'każi ta' emerġenza. Imma għandna l-assigurazzjoni tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma li każijiet tali jkunu minimi. Hekk tispiċċa darba għal dejjem anke ir-riħa mniġġsa li ta' spiss ikun hemm fil-wied. Il-Korporazzjoni ser tagħmel tiswijiet biex tnaqqas l-impatt negattiv ta' dawn il-katusi u tal-*manholes* li verament ikerrħu l-ambjent.

Peress li r-*rising main* ser jaqsam ċ-ċentru tar-raħal tagħna, b'riżultat ta' dan, ser isiru xi xogħolijiet ta' rijabilitazzjoni u riġenerazzjoni tal-qalba tar-raħal u f'xi bnadi ser jinbidlu l-mains tal-ilma u d-drenaġġ. Ser tissebbaħ Pjazza Gerano u mhux b'inqas il-pjazza ewlenija tar-raħal biex kemm jista' jkun tkun titgawda u tilqa' fiha iktar attivita'.

Ma jistax jonqos li b'dan ix-xogħol kollu li qed jitwettaq ma aħniex noħolqu xi forma ta' nkonvenjent. Pero' qed nagħmlu l-isforzi kollha tagħna biex dawn intaffuhom kemm nistgħu. Tajjeb li, ilkoll kemm aħna nħarsu 'l quddiem u lejn fejn irridu naslu.

L-appell finali tagħna dejjem huwa li ma jirnexxi xejn mingħajr is-sapport tagħkom. Hekk nappellaw

▶▶▶





ukoll biex nibżgħu għax-xogħol li jitwettaq. Dan mhux biss għax ħafna mix-xogħol qed isir bl-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja, imma biex igawduh uliedna u ulied uliedna! U hekk il-Kunsill ikun jista' jikkonċentra u jaqbad proġetti ġodda u mhux joqgħod jaħli fluskom fit-tiswijiet!

**Wied il-Mielah Project**

Works on the 2nd phase of Wied il-Mielah valley rehabilitation project are underway and include the reconstruction of more rubble walls, cleaning of the valley basin, the resurfacing of the street, installation of bridges to facilitate the access to the valley, construction of valley dams, installation of safety railing to the stairs leading to the sea, installation of observation binoculars, installation of security cameras and audio-visual equipment, landscaping and installation of rustic furniture and also publication of informative material about what one can find and see by following a country walk at Wied il-Mielah.

All these works will contribute towards the government's policy of making Gozo an eco-island and it will also transform this once abandoned valley into a tourist attraction, a new diving site and also the perfect place for a family outing.

**David Apap,** *Sindku*

## *Bramel imxaqqa m'għandhomx għax jistħu*



Fl-Indja, raġel li jġorr l-ilma kellu żewġ bramel kbar imdendlin ma' lasta li kien iġorr fuq spallejh. Wieħed mill-bramel kien qadim u mxaqqaq xi ftit. Għalhekk, kien jitlef nofs l-ilma mat-triq, filwaqt li l-barmil il-ġdid kien perfett u dejjem jasal mimli.

Għaddew xi snin u r-raġel kien dejjem iwassal f'dar sidu barmil u nofs ilma biss kuljum. Il-barmil il-ġdid kien imkabbar ħafna li m'għandu l-ebda difett, waqt li l-barmil l-imxaqqaq kien dejjem iddispjaċut li mhux jaqdi dmiru sewwa.

Wara sentejn il-barmil imxaqqaq kellem lil sidu x'ħin kienu fejn il-bir. "Ja sidi, qed nistħi minni nnifsi u l-iżjed minnek u nixtieq nitolbok skuża." "Għaliex?" staqsih ir-raġel. Minn x'hiex qed tistħi minni?"

Il-barmil wieġeb: "Għax jien tul dawn is-sentejn dejjem wasalt f'dar sidi nofs l-ilma biss li suppost inġorr, billi l-ilma, tul it-triq joħroġ mix-xaqq li għandi. Minħabba f'dan, int qed tagħmel ħafna xogħol u m'intix tieħu dak li ħaqqek."

Ir-raġel iddispjaċih għall-barmil imxaqqaq u dlonk wieġbu: "Aħna u sejrin lura lejn dar sidi, illum nixtieqek tħares lejn il-ward li hemm mall-ġenb tal-passaġġ." U veru, waqt li r-raġel kien tiela' l-għolja bil-bramel, il-barmil qadim ħa pjaċir jara l-ward sabiħ li kien jikber mall-ġenb tat-triq. Feraħ xi ftit, imma xorta baqa' jgħid li hu kważi ma hu kapaċi għalxejn.

Allura, ir-raġel qal lill-barmil qadim: "Inti l-anqas tajt każ li dak il-ħafna ward sabiħ kiber biss fuq il-ġenb tat-triq in-naħa tiegħek u li n-naħa tal-barmil il-ġdid kien kollox niexef?" Dan ġara għaliex jien meta ndunajt bid-difett tiegħek, għamilt użu tajjeb minnu.

Jien xtrajt ħafna żerriegħa ta' fjuri differenti u din żrajta n-naħa tiegħek biss. Kuljum waqt li nkunu sejrin lura bl-ilma, int kont issaqqihom u għalhekk kibru hekk sbieħ. Ilni sentejn naqta' ħafna ward sabiħ biex inżejjen d-dar ta' sidi. Kieku int ma kellekx dan id-difett, sidi ma kienx ikollu din is-sbuħija ta' ward li jżejnu daru!!"

Tagħlima: Kull wieħed u waħda minna għandu d-difett tiegħu. Ahna lkoll b'xi mod bħal barmil l-imxaqqaq. Imma Alla, Bosta drabi, juża dawn id-difetti tagħna biex minnhom joħroġ ħafna ġid.

Għalhekk, nagħmlu kuraġġ, ma naqtgħux qalbna u nafdaw dejjem fil-ħniena ta' Alla.

***Esther Mizzi***








On Sunday, the 8th of November, the Bulldog Patrol of the Victoria Scout Group organized "a hike with a purpose", as part of their work for the Cuschieri trophy.

They walked to Gharb square, where they exhibited some of their scouting skills. On their arrival, they hoisted several flags on previously prepared flagpoles, to create a welcoming environment. Jurgen Attard and Paul Falzon displayed their First Aid knowledge, while Patrol leader Beppe Galea and Matthew Mifsud made a pioneering project. Then, David Saliba and the rest of the group erected a tent. Before lunch time they set up a fire and cooked on it, and finally they enjoyed a well-deserved meal!

Thanks to Mayor, Mr David Apap, and the Gharb Local Council for hosting us and for their warm support throughout the activity!

***Beppe Galea*** Patrol Leader - Bulldog Patrol - Victoria Scouts Group

## L-esperjenza tiegħi fil-Brażil

Iż-żmien bejn it-12 ta' Lulju u l-11 t'Ottubru qattajtu fil-Brażil. Hemmhekk mort fejn ibni, Fr Alex Cauchi u kont ta' għajnuna billi għamilt xogħol ta' żebgħa u xogħol ieħor marbut ma' stallazzjoni ta' dawl u ilma.

Dan iż-żmien qattajtu f'Alagoas. Il-Post jismu Japartinga. Post sabiħ ħafna u magħruf għal xtajta mill-isbaħ bir-ramel. Meta jkun *long weekend* nies minn postijiet oħra jiġu biex igawdu din ix-xtajta. It-temp jixbaħ is-sajf tagħna, madanakollu fis-sajf ta' hemm it-temp jisħon ftit iżjed.

Japartinga għandu żagħżugħ bħala parroċċa għax qabel kien jagħmel ma' Maragogi. Għalkemm il-knisja f'dan il-post hi żgħira, hi antika u għandha 400 sena. Qegħdin isiru preparamenti biex tinbena knisja akbar u ta' kumdità għan-nies. Kemm domt hemm beda l-bini ta' Ċentru Parrokkjali, ċentru bżonnjuż ħafna biex fih isiru laqgħat għat-tfal u ż-żgħażagħ. L-Isqof ta' Għawdex Monsinjur Mario Grech fiż-żjara li għamel hemmhekk bierek l-ewwel ġebla tal-post.



Kont preżenti f'xi wħud miċ-ċelebrazzjonijiet li għamel l-Isqof Grech fil-Brażil. Kull fejn mar intlaqa' tajjeb u jien ċert li l-Isqof ħa ħafna gost biż-żjara fil-Brażil.

Kelli wkoll ix-xorti niltaqa' ma' bosta saċerdoti Għawdxin u Maltin. Naċċertakom li dawn is-saċerdoti qegħdin jagħmlu ħafna ġid kemm materjali kif ukoll spiritwali fost il-poplu Brażiljan. Għalhekk il-poplu Malti għandu biex ikun kburi b'dawn is-saċerdoti u hu fid-dmir li jgħinhom mill-aħjar li jista' u jitlob għalihom. Jien rajt b'għajnejja l-ħidma tagħhom u ninsab ċert minn dan li qiegħed nikteb. Il-poplu Brażiljan jurik li hu kuntent b'dawn is-saċerdoti Maltin.

Kelli wkoll ix-xorti niltaqa' u nitkellem mal-Kardinal ta' Sau Paolo, Don Odilo Pedro Scherer, li żar pajjiżna kemm-il darba meta kien għadu Arċisqof. Iltqajt ukoll mall-Arċisqof ta' Maceo, Monsinjur Antonio Fernandes. Kemm il-Kardinal kif ukoll l-Arċisqof faħħru l-ħidma tas-saċerdoti ta' gżiritna u jixtiequ li aktar saċerdoti mill-gżejjer tagħna jmorru jagħmlu l-missjoni tagħhom fil-Brażil.

***Maurice Cauchi***, Għarb

Kif diġa qrajtu f'din l-ittra, Fr Alex Cauchi, beda jibni Ċentru Parrokkjali fil-parroċċa l-ġdida tiegħu. Għalhekk fir-raħal tagħna ser isiru xi attivitajiet biex il-flus li jinġabru jmorru għal dan il-għan nobbli.

1. **Fid-19 ta' Diċembru se tittella' Serata Divertenti fiċ-Ċentru Tagħna.**
2. **Il-quddiem ser isir ukoll *High Tea* mill-organizzaturi li ssoltu jieħdu ħsieb.**
3. **Carwash miż-żgħażagħ.**

***Nħeġġu li kulħadd sabiex jgħin mill-aħjar li jista.***
***Grazzi***

# Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali

## Internet

Il-Pubbliku jista' jagħmel użu minn servizz ta' internet ġewwa l-librerija. Dan is-servizz jiġi offrut mingħajr ħlas bis-sistema tal-'Wireless Internet'. Din is-sistema tippermetti lil dawk kollha li jkunu jridu jużaw l-internet mhux biss minn fuq il-kompjuters tal-Kunsill iżda anke minn fuq il-laptop tagħhom stess. Il-ħinijiet tal-ftuħ għal dan is-servizz huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00am sat-3.30pm u s-Sibt mit-8.30am sal-11am.

*The public can make use of the internet service at the library. This service is offered free of charge through Wireless Internet. This system is available on the library's computers, however one may also opt to use a personal laptop and have access to the internet since that the service is offered through wireless internet. Service is available from Monday to Friday between 8am and 3.30pm and Saturday from 8.30am to 11am.*

## Librerija / *Library*

Il-librerija tar-raħal tiftaħ nhar ta' Tlieta u nhar ta'Ħamis bejn id-9am u l-11am u l-Ġimgħa bejn is-2.30pm u l-4.30pm. Il-librerija toffri għażla vasta ta' kotba kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar. Il-Kunsill jimpenja ruħu sabiex jixtri numru ta' kotba ġodda b'mod regolari matul is-sena. Il-kotba jkomplu jiżdiedu ukoll permezz ta' donazzjonijiet ta' kotba mir-residenti. Il-Kunsill jixtieq iħeġġeġ lir-residenti biex jagħmlu iktar użu minn dan is-servizz edukattiv.

*The library opens every Tuesday and Thursday between 9am and 11am and Friday between 2.30pm and 4.30pm. The library offers a vast choice of books both for adults and children. The Council is committed to furnish the library with new books on a regular basis. The books are increasing also thanks to donations from residents. The Council would like to encourage more residents to make use of this educational service.*

## Korsijiet / *Courses*

Matul is-sena l-Kunsill jorganizza diversi korsijiet li jkunu adattati kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Matul is-Sajf jiġu organizzati korsijiet ta' arti u snajja fosthom bizzilla, arti, fuħħar, mosaic, tisjir etc. Min-naħa l-oħra fix-xitwa jiġu organizzati korsijiet tal-kompjuter u lingwi. Il-Kunsill jorganizza ukoll korsijiet li jkollu rikjesti għalihom mingħand ir-residenti.

*Throughout the year, the Council organises various courses both for children and adults. During the summer period the courses being organised are mostly crafts courses amongst others lace making, arts, pottery, mosaic and also cooking. From the other hand during the winter period courses organised are in computer and languages. The Council also organises courses upon request and suggestions by residents.*

## Skart Goff / *Bulky Refuse*

Il-Kunsill joffri ukoll servizz ta' ġbir ta' skart goff mid-djar li jiġi offrut mingħajr ħlas. Sabiex wieħed japplika għal dan is-servizz għandu iċempel lill-Kunsill Lokali u jagħti d-dettalji tiegħu u ta' l-iskart li jkun irid jarmi. Il-Kunsill min-naħa tiegħu jagħmel it-talba lid-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika li jieħu ħsieb jiġbor l-iskart goff. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-materjal tal-ġnien ma jinġabarx.

*The Council offers bulky refuse service directly from the residents' homes. To use this service residents are requested to call at the Council giving their details together with information about the items they want to dispose of. The Council will then forward the details to the Public Cleansing Section who will take care to collect the refuse. It is important to note that garden material is not accepted.*

## Open Skips

Servizz ieħor ta' ġbir ta' skart goff li jiġi offrut mill-Kunsill huwa permezz ta' open skip kull nhar ta' Sibt fi Triq Tumas Cassar quddiem il-Ground tal-Football bejn id-9am u l-11am. Fl-open skip jista' jintefa' kull tip ta' skart goff.

*Another service offered by the Council is that of an open skip every Saturday at Tumas Cassar Street infront of the football ground between 9am and 11am. This service is for any type of bulky refuse.*

## Servizzi ta' Ħlasijiet
## Payment Services

Ġewwa l-uffiċju tal-Kunsill Lokali jiġu aċċettati ukoll diversi ħlasijiet. Fost l-oħrajn insibu ħlasijiet ta' kontravenzjonijiet kemm tal-Pulizija kif ukoll tal-Gwardjani Lokali kemm dawk mogħtija fl-Għarb kif ukoll dawk mogħtija fl-lokalitajiet oħra. Barra minnhekk il-Kunsill jaċċetta wkoll ħlasijiet ta' liċenzji tal-MTA kif ukoll tal-kera ta' raba' tal-Gvern.

*The Council accepts various payments. Amongst others the Council accepts contravention payments given by both Police and Local Wardens throughout Malta and Gozo. Apart from this the Council also accepts payments for MTA licenses and Government land rent.*

## Tindif ta' Toroq
## Street Cleaning

Il-Kunsill huwa responsabbli ukoll mit-tindif tat-toroq madwar ir-raħal. Dan is-servizz jiġi mogħti permezz ta' kenniesa li matul il-jum iduru madwar ir-raħal inaddfu u jaqtgħu l-ħaxix ħażin. Għalkemm il-Kunsill joffri dan is-servizz, xorta għandna nkunu konxji ta' l-ambjent ta' madwarna billi nieħdu ħsieb inżommu t-toroq tagħna nodfa.

*The Council is responsibile for the cleaning of the streets within the locality. This service is given by street sweepers who take care in sweeping the streets and cutting the grass on a daily basis. Although the Council offers this service residents should keep in mind that everyone's help and co-operation helps in keeping the environment we live in always clean.*

## Riċiklaġġ
## Recycling

Apparti l-ġbir tar-reċiklaġġ bieb bieb fil-lokalita' nsibu ukoll faċilita' ta' separazzjoni ta' skart magħrufa bħala *bring in site*. Din tikkonsisti f'bins apposta li huma b'kuluri differenti li fihom wieħed jista' jitfa' r-reċipjenti. Il-kuluri huma blu għall-plastic, kannella għall-ħġieġ, iswed għall-metal u abjad għall-karti. Barra minnhekk ġewwa l-uffiċju tal-Kunsill jinsab bin apposta għar-rimi ta' batteriji. Ħuwa importanti li kulħadd jipparteċipa sabiex ikollna ambjent dejjem nadif u jagħmel użu tajjeb minn dawn is-servizzi.

*Apart from the collection of recycled refuse door to door, the Council also offers the collection of recyled refuse through the bring in site. This site which is found next to the school gate has four different colored bins where one can dispose of the recycled Refuse. The colors represent the following:- blue for plastic, brown for glass, black for metal and white for paper. Apart from this a bin for the disposal of battries is found within the Council's offices. Everyone's participation is important so that we can protect our environment and make good use of these services.*

## Ġbir ta' Skart Domestiku

Il-Kunsill għandu fir-responsabilità tiegħu li jiġbor l-iskart normali bieb bieb. Il-ġbir isir skond l-iskeda segwenti:

**Minn Lulju sa Settembru**
It-Tnejn, l-Erbgħa, l-Ħamis u l-Ġimgħa – Ġbir ta' skart normali u jibda' fis-7.30
Is-Sibt – Ġbir ta' skart normali u jibda' fin-12.30pm It-Tlieta – Ġbir ta' skart għar-reċiklaġġ u jibda' fit-8am

**Minn Ottubru sa Ġunju**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa – Ġbir ta' skart normali u jibda' fis-7.30
Is-Sibt – Ġbir ta' Skart normali u jibda' fin-12.30pm. It-Tlieta – Ġbir ta' skart għar-reċiklaġġ u jibda' fis-7.30.

Meta l-ġbir isir filgħodu huwa importanti li l-iskart jinħareġ bejn is-7am u s-7.30am filwaqt li meta jinġabar wara nofs in-nhar huwa

*It is the Council's responsability to collect refuse collection from every household. The collection schedule is as follows:*

***Refuse Collection - July to September***
*Monday, Wednesday, Thursday and Friday – Collection of Normal Refuse starting at 7.30am*
*Saturday – Collection of Normal Refuse starting at 12.30pm.*
*Tuesday – Collection of Recycled Refuse starting at 8am*

***Refuse Collection – October to June***
*Monday, Wednesday and Friday – Collection of Normal Refuse starting at 7.30*
*Saturday – Collection of Normal Refuse starting at 12.30pm*
*Tuesday – Collection of Recycled Refuse starting at 7.30am*
*It is important to note that when the collection is carried out in the morning, the refuse is left outside*

importanti li jinħareġ bejn 12pm u n-12.30pm. Huwa importanti ukoll li l-iskart għar-riċiklaġġ jinħareġ ġewwa l-borża l-griża.

*between 7am and 7.30am whilst when the collection is held in the afternoon the refuse is left outside between 12pm and 12.30pm. Please also note that only grey bags should be used for the recycled refuse.*

## Ċentru ta' Matul il-Jum / *Day Care Centre*

Kull nhar ta' Tnejn l-anzjani kollha jistgħu jattendu għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ġewwa Għajnsielem. It-transport jitlaq mill-Pjazza żjara tal-Madonna fit-8.30am. Din hija opportunita' għall-anzjani sabiex jissoċjalizzaw u jintegraw f'ambjent maħsub apposta għalihom. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jċempel il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iħeġġeġ aktar parteċipazzjoni speċjalment l-anzjani irġiel.

*Every Monday the elderly can attend the Day Care Centre at Ghajnsielem. The transport leaves Pjazza żjara tal-Madonna at 8.30am. This is an opportunity for the elderly to socialise and integrate in a warm environment. More information can be obtained by calling the Gharb Local Council. The Council encourages more partecipation especially by elderly men.*

## Manutenzjoni tad-Dawl / *Maintenance Street Lighting*

Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq. Għalkemm dan is-settur huwa fir-responsabilita' tal-Kunsill, il-Kunsill huwa pero' responsabbli minn dawk il-lampi li huma imwaħħla mad-djar. Il-lampi l-oħra li huma imwaħħla ma' arbli dawn huma responsabbilita' ta' l-Enemalta. Huwa għalhekk importanti li jiġu osservati dawn l-istruzzjonijiet meta jkun hemm xi bozza li tkun bil-ħsara. L-ewwelnett għandna naraw jekk il-lampa hijiex imwaħħla mall-ħajt jew ma' l-arblu. It-tieni pass għandna infittxu in-numru li jkun imwaħħal mall-bozza. Dan huwa numru identikattiv tal-bozza. Fin-nuqqas ta' dan il-bozza tiġi rrapurtata bl-indirizz ta' fejn tkun qegħda. Dawn ir-rapporti għandhom isiru ġewwa l-Kunsill u min-naħa tiegħu l-Kunsill jieħu l-azzjoni billi jirraporta l-bozza lil persuna / entità responsabbli jiġifieri jew lill-kuntrattur jew lill-Enemalta.

*The Council takes care of the street lighting maintenance. Although this sector is under the Council's responsability, the Council is only responsabile for the maintenance of those lamps which are fixed to the households. The other lamps which are fixed to poles are Enemalta's responsability. It is important that the following instructions are followed when a lamp is not functioning. First of all it must be identified if the lamp is fixed to a house or to a pole. The second step is to search for the number attached to the lamp. This number is identicative and therefore important when reporting the lamp. In the absence of this number the lamp has to be reported by the address where it is to be found. All reports are to be forwarded to the Council and from its side the Council reports the lamp to the responsibile person / entity i.e. either to the Contractor or to Enemalta.*

## Permessi / *Permits*

Il-Kunsill joħroġ ukoll diversi tipi ta' permessi li fost l-oħrajn insibu dawn segwenti:
Permessi għal depożitu jew użu ta' krejn jew Makkinarju fit-toroq,
Permessi għat-tpoġġija ta' materjal tal-bini jew materjal ieħor (li tinkludi ukoll tqegħid ta' skips),
Permessi għall-Kiddie Riding Machines; Automatic Vending Machines,
Permessi għal divertiment Okkażjonali,
Permessi għat-tqegħid Temporanju ta' imwejjed u siġġijiet u
Permessi għall-Kiosks kif ukoll liċenzja marbuta ma' l-applikazzjoni għas-servizz tad-drenaġġ.

Kull min ikun jinħtieġ permess għandu javviċina l-Kunsill sa minn 48 siegħa qabel ma jkun ser isir ix-xogħol.

*The Council issues various types of permits as follows:-*
*Permits for the deposit or use of crane or other machinery,*
*Permits for deposit of building and other material (like for example skips),*
*Permits for Kiddie Ride Machines or automatic Vending Machines,*
*Permits for occasional entertainment,*
*Permits for deposit of tables and chairs to provide food and beverages,*
*Placement of stall or kiosk and Trenching Permits.*

*Everyone who needs one of the above mentioned permits is requested to call at the Gharb Local Council 48 hours in advance.*




## JANNAR

Fuq talba tal-pubbliku l-Kunsill reġa' nieda l-korsijiet tal-kompjuter. L-attendenza kienet waħda tajba u dan il-kors sar fi tlett sezzjonijiet. żewġ sezzjonijiet għal *beginners* u oħra għal dawk li riedu ikomplu fit-tagħlim.

5 ta' Jannar – Beda kors tal-Malti għall-barranin residenti ġewwa l-lokalità.

11 ta' Jannar – Saret Ħarġa għall-Anzjani ġewwa Għawdex – Il-grupp attenda għall-Quddiesa ġewwa l-Knisja ta' Ħamet u wara saret ikla ġewwa l-Pulena Restaurant, Marsalforn.

15 ta' Jannar – Ġie mogħti Interactive White Board lill-Iskola Primarja Karmni Grima minn fondi speċjali ta' l-HSBC u bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali Għarb. Preżenti għall-preżentazzjoni kien hawn is-*Sur Richard Mercieca,* Manager tal-fergħa tal-HSBC ta' Għawdex u s-Sindku David Apap flimkien mall-Kunsilliera.

## FRAR

15 ta' Frar – Saret attivita' Karnivaleska fil-Pjazza żjara tal-Madonna. Din is-sena b'differenza għas-snin preċedenti l-Karnival ġie organizzat il-Ħadd kmieni wara nofsinhar.

## MARZU

19 – 22 – Ġiet organizzata t-tielet edizzjoni tal-festival Seħer il-Punent. Din is-sena l-festival ġie organizzat






fuq 4 t'ijiem fejn l-ewwel ġurnata li kienet il-festa ta' San Ġużepp ġiet organizzata Ikla Tradizzjonali fil-Pjazza bis-sehem ta' l-Għaqdiet Lokali Għarb. Fil-ġranet segwenti saru attivitajiet ta' kant u żfin minn talenti lokali kif ukoll eżebizzjonijiet ta' arti u kulturi tradizzjonali. Din is-sena saru żewġ kunċerti minn gruppi ferm popolari li kienu l-Winter Moods u l-kantant bravu Taljan Aleandro Baldi.

26-30 ta' Marzu – Delegazzjoni komposta minn membri tal-Kunsill Lokali Għarb flimkien ma' residenti żaru għall-ewwel darba lir-raħal ta' Quadrelle li jinsab qrib Napli sabiex jiġi iffirmat ġemellaġġ ġdid ma' dan ir-raħal. Il-grupp kellu l-opportunità li jżur diversi postijiet ta' interess u ta' attrazzjoni ta' din iż-żona.



## APRIL

Għal darb'oħra l-Kunsill irnexxielu jerġa' jikseb siġar taż-żebbuġ għat-tħawwil bi prezz issussidjat. Numru ta' residenti urew l-interess tagħhom u xraw dawn is-siġar.

12 ta' April – l-Għid imqaddes. Saret attività soċjali għat-tfal li fiha sar tqassim tal-bajd ta' l-Għid lit-tfal kollha tal-lokalità.

23 ta' April – Sar l-iffirmar uffiċjali tad-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku ta' l-Għarb fejn preżenti kien





hemm is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onorevoli Dr Chris Said kif ukoll is-Segretarju Parlamentarji l-Onorevoli Dr Jason Azzopardi.

28 ta' April – Itella' kunċert 'Searching for the Soul' minn Animae Gospel Choir bħala parti mill-festival Gaulitana. Dan il-kunċert itella' ġewwa l-Knisja Bażilika ta' l-Għarb.

## MEJJU

23 ta' Mejju – Il-Kunsill bis-sehem tal-Kumitat tal-Festa tella' edizzjoni speċjali ta' l-Infiorata fl-okkażjoni tan-Notte Gozitana fit-tela' tal-Katidral.

10 ta' Mejju – Il-Kunsill issaportja lir-Rettur Dun Achille Cauchi tal-Knisja l-Qadima tal-Viżitazzjoni (Taż-żejt) u lill-benefatturi fl-okkażżjoni tat-tberik taż-żewġ qniepen ġodda fejn sar marċ mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni mill-Pjazza żjara tal-Madonna sal-Knisja l-Qadima.



15 ta' Mejju – Saret il-laqgħa Annwali tal-Kunsill ġewwa s-Sala tal-Kunsill Lokali Għarb fis-6.30pm.

17 ta' Mejju – Il-Kunsill organizza ħarġa lill-Anzjani kollha tal-lokalità fejn saret Quddiesa ġewwa l-Knisja ta' Santa Luċija u wara ikla ġewwa l-Bukkett Restaurant – Qala.

## ĠUNJU

6 ta' Ġunju – Saret l-elezzjoni tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Għarb.

30 ta' Ġunju – Saret iċ-ċerimonja tal-ġurament tal-ħatra tal-Kunsilliera l-ġodda.

## LULJU

Ġew organizzati korsijiet għal matul is-Sajf fejn fost oħrajn kien hawn Tisjir għat-tfal, Fuħħar u Mosaic kif ukoll Bizzilla.

1 ta' Lulju – Daħal fis-seħħ il-Kunsill Lokali ġdid.

3 ta' Lulju – Il-Kunsill organizza kunċert mill-banda Taljana 'Corpo Musicale Citta' di Trento' fuq il-planċier fil-Pjazza Żjara tal-Madonna.

5 ta' Lulju – Il-Kunsill Lokali Għarb organizza l-Infiorata waqt l-festa. Din is-sena l-Infiorata kienet tinkludi fiha s-Sena Ewropeja ta' Kreattività u Innovazzjoni, l-Anniversarju tat-30 sena ta' Inkurunazzjoni u s-Sena Saċerdotali.



## AWISSU

13 t'Awissu – Saret laqgħa bejn il-Kunsill Lokali Għarb u l-Onorevoli Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar it-tiġdid tal-Kunsilli Lokali.

27 – 1 ta' Settembru – Il-Kunsill laqa' żewġ delegazzjonijiet Taljani li kienu qed jirrappreżentaw il-Comunita' Collinare Colli Tortonesi u Veglie. Dawn iż-żewġ lokalitajiet iffirmaw ġemellaġġ mal-Kunsill waqt is-serata ta' Jum l-Għarb.

29 t'Awissu – Il-Kunsill iċċelebra Jum l-Għarb b'tema inter-kulturali bl-involviment tal-mistiedna Taljani fejn saret esebizzjoni ta' prodotti tipiċi u talenti lokali u



dawk taljani. Matul is-serata ingħataw Premju Għarb li ġie mogħti lil Patri Spiridone Galea, Premju Qlub Ġenerużi ġie mogħti lill-familja Micallef, Premju Volontarjat Lokali ġie mogħti lil Raymond Cauchi filwaqt li 'The Gharb Gozitan Cultural Award' ġie mogħti lis-Sopran Miriam Cauchi.

30 t'Awissu – Sports day fil-Pjazza ikkoordinata mill-Gharb Rangers F.C. bl-involviment tal-mistiedna tal-ġemellaġġ.



## SETTEMBRU

3 ta' Settembru – Il-Kunsill Lokali, flimkien ma' għaqdiet oħra organizza protesta kontra l-applikazzjoni għall-fabbrika tal-faqqiegħ quddiem il-Villaġġ tas-Snajja ta' Dbiegi.

## OTTUBRU

8 t'Ottubru – Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Onorevoli Dr Chris Said żar il-proġett ta' Wied il-Mielaħ. Waqt din iż-żjara intwera l-andament tax-xogħol li qed isir fil-Wied u xogħolijiet oħra baqa' li jiġu imwettqa' sabiex jiġi iffinalizzat il-proġett.

9 t'Ottubru – Saret laqgħa ta' konsultazzjoni għall-pubbliku mill-Gozo Action Group ġewwa l-uffiċju tal-Kunsill Lokali Għarb.

13 t'Ottubru – Waqt ċerimonja li attenda għaliha s-Sindku David Apap ġie imħabbar ir-riżultat tal-finalisti tal-Premju ta' l-Intrapriża fejn il-Kunsill Lokali ta' l-Għarb huwa wieħed mill-10 finalisti.

14 t'Ottubru – Is-Sindku attenda għal-ċerimonja li saret ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Għargħur fejn il-Kunsill Lokali Għarb kien wieħed minn 20 Kunsilli madwar Malta u Għawdex li ser ikun qed jibbenifika minn fondi għall-aċċessibilità.

30 t'Ottubru – Ġiet organizzata attività soċjali għat-



tfal abbinata ma Halloween ġewwa s-Sala tal-Kunsill fejn it-tfal intalbu jużaw il-kreattivita' tagħhom fit-tiżjin tal- qara ħamra.

## NOVEMBRU

2 ta' Novembru – Is-Sindku David Apap ħa sehem f'konferenza għal-lokalitajiet sostenibbli li għaliha attendew 90 Sindku Franċiż fejn huwa għamel ukoll intervent.

5 ta' Novembru - Il-Kunsill Lokali Għarb organizza ħarga soċjo-kulturali għal Malta li għaliha attendew madwar 50 persuna. Fost l-oħrajn żaru Manoel Island, is-Suq ta' Ħaż-żebbuġ u l-Villaġġ tas-Snajja Ta' Qali.



11 ta' Novembru – Beda kors tal-kompjuter għall-beginners.



18 ta' Novembru – Il-Kunsill organizza laqgħa għall-operaturi li jaħdmu fis-settur turistiku sabiex flimkien jiġu diskussi proposti ta' kif jista' jitjieb is-settur turistiku fl-Għarb sabiex jiġu attirati aktar turisti u jiġu offrut l-aħjar servizz possibli bl-iskop li dawn il-proposti jiġu mfassla fi proġett għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja.



# L-Istress, l-Għarb u l-Qalb

**Minn Dr ROBERT G XUEREB MD FRCP FASA FESC - Konsulent tal-Kardjoloġija**

## L-ATTAKK TAL-QALB

L-attakk tal-qalb hu n-"number one killer" f'Malta u f'Għawdex. Kulħadd għandu xi ħadd fil-familja jew jaf lil xi ħadd li jbati bil-qalb - min għax għadda minn attakk tal-qalb, min għax qiegħed jieħu l-kura fil-forma ta' pinnoli, min għax għamel l-angioplasty u għandu "stent" jew kif xi kultant nirriferru għaliha bħala "molla" u min għax għamel l-operazzjoni tal-bypass.




Sfortunatament l-attakk tal-qalb jista' jolqot rġiel f'eta` żgħira meta jkunu fl-aqwa tagħhom. Jista' ma jagħtix ċans lil dak li jkun ifittex għajnuna għax jista' jikkawża dak li jissejjaħ f'terminoloġija medika "sudden death".

## PREVENZJONI AĦJAR MILL-KURA

Għalhekk "prevention is better than cure". Prevenzjoni aħjar mill-kura għax jekk toqgħod tistenna biex tħoss xi ħaġa abli jkun tard wisq. Abli ma jatikx ċans.

Hemm ħafna x'wieħed jista' jagħmel biex inaqqas ir-riskju tal-attakk tal-qalb.

Jekk dak li jkun ipejjep, għandu jwaqqaf it-tipjip illum qabel għada. Illum hemm mezzi li jgħinu dak li jkun biex iwaqqaf is-sigaretti bħal "smoking cessation classes" u anke mediċina apposta Jekk hemm xi ħadd li jpejjep fid-dar, għandhom jittieħdu passi biex dak li jkun ma jitħalliex ipejjep fid-dar għax "second hand smoking" jagħmel ħsara wkoll.

Jekk wieħed ibati biz-zokkor jew diabete, dik il-persuna trid tieħu ħsieb id-dieta tagħha, timxi u tiċċekja iz-zokkor regularment. Jekk għandha bżonn pinnoli jew l-insulina trid teħodhom kif jgħidilha t-tabib.

Importanti li wieħed jiċċekja il-livell tax-xaħam fid-demm. Kolesterol għoli huwa wieħed mir-riskji l-iktar importanti ta' l-attakk tal-qalb. Xi kultant dieta ma tkunx biżżejjed, u dak li jkun ikollu bżonn jieħu pinnoli li jissejħu 'statins'. Dawn mhux talli jnaqqsu l-kolesterol imma jnaddfu l-arterji tal-qalb minn ġewwa u jnaqqsu l-bżonn tal-angjoplasty jew tal-bypass, kif ukoll inaqqsu ċ-ċans ta' attakk tal-qalb.

L-istess jgħodd għal min għandu l-piż żejjed, speċjalment madwar il-qadd, Wieħed għandu jsegwi dieta adattata stretta u jimxi regolarment. Min għandu l-pressjoni għandu jimmoniterjaha u jikkuraha.

## L-ISTRESS U L-ATTAKK TAL-QALB

Saret ħafna riċerka epidemjoloġika li turi li l-istress huwa kawża mportanti tal-attakk tal-qalb. Ilu magħruf għal ħafna żmien li "white collar workers" bħal managers, nies professjonali u nies fil-business ibatu ħafna iktar bl-attakk tal-qalb minn "blue collar workers" jiġifieri nies li għandhom xogħol tal-idejn.



Però x-xogħol mhux l-unika kawża ta' stress. Stress jista' jirriżulta minn inkwiet bħal inkwiet fil-familja jew inkwiet mall-kollegi tax-xogħol. Tibdil fl-ambjent ta' fejn wieħed joqgħod ukoll joħloq stress u fil-fatt jissejjaħ "stressor".

L-istress jagħmel ħsara emozzjonali, psikoloġika kif ukoll fiżika. Jista' jikkaġuna mhux biss mard tal-qalb imma ukoll pressjoni għolja, uġiegħ fis-sider u battiti tal-qalb irregulari.

Kemm jista' jkun wieħed għandu jagħmel kull ma hu possibli biex jnaqqas l-istress billi jieħu l-btala tiegħu, billi joħroġ jimxi, billi jitgħallem ma jkabbarx il-problemi u ma jaħsibx fuqhom meta mhux il-waqt.

## X'GĦANDU X'JAQSAM L-GĦARB MA' L-ATTAKK TAL-QALB?

L-Għarb huwa post ġenna ta' l-art! Post kwiet, mdawwar bil-kampanja u art agrikola, msebbaħ bi djar verament sbieħ u trankwilli. Għandu Bażilika tgħaxqek u pjazza l-ġmiel tagħha.

L-Għarb joffri mistrieħ tal-moħħ mhux biss lill-abitanti tal-lokal imma ukoll lil ħafna Maltin u barranin li bħali għażlu l-Għarb bħala r-raħal fejn ikollhom post tal-btala u tal-mistrieħ.

L-eżerċizzju huwa mod importanti kif wieħed jista' jnaqqas ir-riskju tal-attakk tal-qalb. Mixja kuljum ta' nofs siegħa ttawwal il-ħajja. L-Għarb joffri ħafna mixjiet sbieħ fil-kampanja.

## L-GĦARB MHEDDED BL-ISTRESS LI JĠIB MIEGĦU L-IŻVILUPP

l-Għarb bħal ħafna postijiet f'Malta u f'Għawdex qed jiġi mhedded bl-iżvilupp. Irħula sħah f'Malta tilfu l-karatteristiċi tagħhom. Twaqqgħu djar biex inbnew appartamenti. Inbnew toroq sħaħ ta' djar fil-limiti tal-

irħula. Ċertu rħula l-anqas għadhom jintgħarfu.

Dan qiegħed jirriżulta f'nuqqas ta' trankwilita` u stress - stress ta' fejn tipparkja, stress ta' traffiku, stress ta' storbju, stress ta' folol ta' nies, stress ta' dħaħen.

### FABBRIKA TAL-FAQQIEGĦ ĠEWWWA L-GĦARB

Bħal issa kull min iħobb l-Għarb, l-Għawdex u l-Malta jinsab inkwetat ħafna bil-proposta ta' żvilupp ta' fabbrika tal-faqqiegħ (mushroom factory) ġewwa l-Għarb. Dan tixhdu l-protesta li saret fit-3 ta' Settembu li għadda li ġiet organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz flimkien ma' Ta' Dbieġi Crafts Village Tenants, Kempinski Resort Hotel, Malta Organic Agricultural Movement, Ramblers Association, Friends of the Earth, Nature Trust, Din l-Art Ħelwa, Life Pollution, Flimkien għal Ambjent Aħjar, Bird Life, Wirt Għawdex u Moviment Graffiti. Għal din il-protesta attendiet ukoll l-Membru tal-Parlament li tirrappreżenta l-Partit Laburista Onor Dr Justyne Caruana.

Din il-fabbrika kif proposta ser tinbena viċin l-abitanti tal-Għarb, ser iġġib magħha irwejjaħ tad-demel tat-tiġieġ, storbju ta' magni u tat-traffiku, tniġġis mit-transport, tiben u trabijiet fl-arja, u qerda tal-ambjent kif nafuh illum.

Dan kollu ser jiġġenera stress qawwi fuq l-abitanti tal-Għarb, bil-konsegwenza li l-Għarb ser jispiċċa bħal kull belt industrijali oħra.

### NGĦOŻŻU L-QALB

Huwa dmirna li ngħożżu l-qalb u b'hekk nieħdu ħsieb mhux biss saħħitna imma saħansitra l-ħajja tagħna. Għandna nagħmlu l-eżerċizzju kuljum. Għandna nieklu ikel li hu tajjeb għal saħħitna bħal ħaxix, frott, ħut, tiġieġ u fniek u nevitaw dak li hu ħazin bħal qali, laħam aħmar u ħelu. Għandna nżommu d-dieta jekk għandna piż żejjed, kolesterol jew zokkor għoli. Għandna niċċekjaw



il-pressjoni u d-demm regularment. Jekk inpejpu hemm bżonn inwaqqfu s-sigaretti u kull forma ta' tipjip ieħor.

Sittin fil-mija ta' djuq fl-arterji tal-qalb, huwa silenzjuż, ma' jagħtix sintomi ta' uġigħ fis-sider jew anġina. Allura huwa mportanti li nagħmlu testijiet tal-qalb bħal l-ECG jew ritratt tal-qalb waqt il-mistrieħ u waqt l-eżerċizzju, dak li jissejjaħ exercise stress test biex dak li jkun jipprova jinduna bid-djuq fl-arterji tal-qalb *qabel* ma jiġi attakk tal-qalb.

### NGĦOŻŻU L-GĦARB U B'HEKK IL-QALB

Huwa dmirna li ngħożżu l-Għarb u b'hekk il-qalb. Il-Ministru għal Għawdex Onor Giovanna Debono qegħda taħdem bis-sħiħ biex tippromwovi Eco Gozo. Is-Sindku ta' l-Għarb is-Sur David Apap flimkien mall-Kunsill Lokali Għarb kollu qed jaħdmu bis-sħiħ biex ma jħallux l-iżvilupp propost tal-bini ta' fabbrika tal-faqqiegħ ġewwa l-Għarb iseħħ.

Dan huwa xogħol li ma jidhirx. Però dan huwa xogħol ħafna iktar importanti minn bankina jew bozza fit-triq. Huwa xogħol li qiegħed jgħin biex l-Għarb jibqa' kif ħallewulna missierijietna. Dan huwa xogħol li qiegħed jieħu ħsieb l-Għarb u l-poplu tiegħu, residenti Maltin u barranin li għażlu l-Għarb bħala l-post tal-mistrieħ tagħhom, in-negozji kif ukoll dawk kollha li jogħġobhom iżuru ż-żona tal-punent tal-gzira Għawdxija.

Dan huwa xogħol li qiegħed jieħu ħsieb il-qalb u l-ħajja tagħna!




### BEEF STROGANOFF

**Jkollok Bżonn:**
500g laħam taċ-ċanga, jew sider tat-tiġieġ, ½ kikra cornflour, Mgħarfa paprika, Mgħarfa żejt tas-sunflower, Sinna Tewn, Basla mdaqsa mqatta' rqieqa, 100g mushrooms, Mgħarfa Worcestershire sauce, 440g tadam mqaxxar u mqatta', Mgħarfa tursin mqatta' rqieq, 250g 'low fat yoghurt'

**Kif tagħmel:** Qatta' l-laħam fi strixxi zgħar. Ħallat il-cornflour u l-paprika fuq karta u gerbeb il-laħam ġo din it-taħlita. Ġo taġen li ma jwaħħalx saħħan iż-żejt żid it-tewm magħfeġ u l-basal sajjar għal żewġ minuti, żid il-laħam ftit ftit, sajjar għal ħames minuti jew sa kemm tara li sar kannella, żid il-mushrooms, Worcestershire sauce, tadam mqatta' u tursin, sajjar għal madwar 10 minuti. X'ħin tkun sa servi żid il-yoghurt ħawwad sewwa. Servi ma' noodles u salad.

**MARMALADE TAL-LUMI : Jkollok bżonn:** 2 kilos lumi sliced u mingħajr zarriegħa, 2 kilos zokkor, 2 litri ilma, ½ kikkra brandy

**Kif tagħmel:** Poġġi l-lumi u l-ilma ġo borma u ħallihom lejl. L-għada għalli l-lumi u l-ilma għal siegħa sħiħa. Kejjel il-lumi u l-likwidu u itfa' kikkra zokkor ma kull kikkra likwidu. Erġa poġġi fuq in-nar u ħawwad tajjeb sakemm jinħall iz-zokkor. X'ħin jinħall iz-zokkor sajjar fuq nar bati għal madwar nofs siegħa, issa ipprova erfa' ftit bi mgħarfa fuq platt u x'ħin tara li sar qisu gel dan ikun sar. Itfi nar u ħallieħ joqghod għal ħames minuti issa itfa' l-brandy u ħawwad sewwa. Itfa' l-marmalade go flixken sterelizzati u sħan. X'ħin il-marmalade tiksaħ għamel 'stretch & seal" u għalaq il-flixkun b'għatu.

**TUFFIEĦ BIR-RUM: Jkollok Bżonn:** 750g tuffieħ, żewġ grokkijiet rum, 100g żokkor, Lumija, 100g passolina, Margerina

**Kif tagħmel:** Qaxxar it-tuffieħ u aqta' slices, erfa' l-aħjar għal wiċċ. Ħallat il-kumplament tat-tuffieħ, żokkor u passolina. Idlek dixx tal-forn bi ftit margerina, itfa' it-tuffieħ fil-qiegħ. Żejjen il-wiċċ bi slices tat-tuffieħ puliti wieħed wara l-ieħor. Aħmi f'forn għal madwar 45-55 minuta. Fl-aħħar itfa' ir-rum fil-wiċċ. Servi sħun.

**EXTRACT FROM AUDITED FINANCIAL STATEMENTS FOR YEAR ENDED 31ST MARCH 2009**
***ESTRATT MILL-AUDITED FINANCIAL STATEMENTS GĦAS-SENA LI GĦALQET FIL-31 TA' MARZU 2009***

| **Statement of income and expenditure / *Rapport ta' dħul u nfiq*** | **Note / *Noti*** | **2008-09 €** |
|---|---|---|
| Income / *Dħul* | | |
| Funds received from government / *Allokazzjoni mill-Gvern* | | 176,114 |
| Local enforcement system income / *Dħul mis-sistema tal-infurzar lokali* | | 0 |
| Investment Income / *Dħul minn Investiment* | | 799 |
| General Income / *Dħul Ġenerali* | | 42,662 |
| | | 219,575 |
| Expenditure / *Infiq* | | |
| Personal Emoluments / *Emolumenti Personali* | | 47,191 |
| Operations and Maintenance schedule a *Operazzjoni u Manutenzjoni skeda a* | | 48,024 |
| Administration and other expenditure / schedule b / *Amministrazzjoni u nfiq ieħor skeda b* | | 119,664 |
| | | 214,879 |
| Surplus for the year / *Bilanċ favorevoli għas-sena* | | 4,696 |

# Operations and maintenance / Operazzjoni u Manutenzjoni

**Skeda / Schedule A**

| **Repairs and upkeep / *Tiswijiet u żamma fi stat tajjeb*** | |
|---|---|
| Road and street pavements / *Toroq u bankini* | 2,668 |
| Repairs and upkeep / *Tiswijiet u żamma fi stat tajjeb* | 2,068 |
| Office furniture and equipment / *Għamara u apparat tal-uffiċju* | 1,258 |
| Signs & Road Markings / *Sinjali u Marki tat-Toroq* | 203 |
| Damages paid / *Ħsarat imħallsa* | 373 |
| Others / *Oħrajn* | 123 |
| | 6,693 |
| Contractual services /***Servizzi Kuntrattwali*** | |
| Refuse collection / *Ġbir ta' skart domestiku* | 5,808 |
| Bulky refuse collection / *Servizz ta' bulky refuse* | 221 |
| Road and street cleaning / *Tindif ta' toroq* | 3,453 |
| Hire of Skips / *Kiri ta' skips* | 3,917 |
| Bring in sites / *Reċiklaġġ* | 3,492 |
| Cleaning and Maintenance - public conveniences / *Tindif u Manutenzjoni ta' latrini pubbliċi* | 4,537 |
| Cleaning and Maintenance - soft areas / *Tindif u Manutenzjoni ta' areas bil-ħamrija* | 1,817 |
| Cleaning and Maintenance – non urban / *Tindif u Manutenzjoni ta' toroq non-urban* | 2,851 |
| Cleaning & maintenance – council premises / *Tindif u manutenzjoni ta' bini tal-Kunsill* | 1,296 |
| Local Enforcement system expenses / *Spejjeż marbuta mas-sistema ta' LES* | 0 |
| Street Lighting / *Dawl tat-toroq* | 10,217 |
| Others / *Oħrajn* | 3,722 |
| | 41,331 |
| | 48,024 |

**Skeda / Schedule B**

| **Administration and other expenditure / *Amministrazzjoni u infiq ieħor*** | |
|---|---|
| Utilities / *Servizzi tal-bżonn* | 4,499 |
| Materials & Supplies / *Materjal u provvisti* | 785 |
| National & International memberships / *Sħubija* | 168 |
| Office Services / *Servizzi tal-Uffiċju* | 10,001 |
| Transport / *Trasport* | 6,339 |
| Lease of equipment / *Kera ta' apparat* | 0 |
| Information services / *Servizzi informattivi* | 2,328 |
| Professional services / *Servizzi Professjonali* | 4,575 |
| Community services & events / *Servizzi lill-komunità u attivitajiet* | 51,772 |
| Sundry expenses / *Spejjeż żgħar* | 389 |
| Rent / *Kera* | 714 |
| Depreciation / *Deprezzament* | 37,761 |
| Sponsorships & donations / *Donazzjonijiet* | 333 |
| Profit on disposal of tangible assets / Qligħ mit-tneħħija ta' assi tanġibbli | (0) |
| | 119,664 |



**BOV Home Loan Package for First-Time Buyers**

## a step closer to home

At BOV, we can help you make the process of buying your first home as easy as possible - that is why we offer you great rates, no processing fees, 50% discount on the Bank's legal fees and a term of up to 40 years.

Our flexible home loan for first-time buyers will make it much easier for your first home to be in your sights.

**For further enquiries, send a blank sms to 7969 6975** Apply online at www.bov.com

Loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch.
Terms & conditions apply. Each sms costs 5 cent.

*Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV
Bank of Valletta
your Success, our Goal

# For all your Insurance needs...

**Wherever**

**Whoever**

**Whatever**



LAFERLA INSURANCE AGENCY LIMITED

MERCIECA Financial Investment Services Limited

Middlesea Insurance p.l.c.

"MERCIECA", JOHN F. KENNEDY SQUARE, VICTORIA, GOZO.
TEL / FAX: 21 553892 • MOBILE: 9945 0477 • E-MAIL: alexmerc@maltanet.net

Mercieca Financial Investment Services Limited is a Tied Insurance Intermediary of Laferla Insurance Agency Limited, which company acts as an agent for Middlesea Insurance plc. All three companies are authorized to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority

COM 181109277

# PROGRAMM TA' L-ATTIVITAJIET TAL-MILIED

**12 ta' Diċembru** bejn is-2pm u s-7pm – Attività Santa Claus is coming to The Festive Ark li tinkludi Christmas Gift Shopping organizzata b'risq il-fondazzjoni Arka minn diversi voluntiera ġewwa Ta' Dun Arkanglu fi Triq il-Knisja bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Għarb.

**20 ta' Diċembru** fis-7.30pm – Kunċert ta' l-aħħar tas-Sena mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni ġewwa l-Knisja Parrokkjali u Bażilika ta' l-Għarb.

**26 ta' Diċembru** fis-7pm – Purċissjoni bil-Bambin organizzata mill-Għaqda tal-Mużew. Il-Purċissjoni akkompanjata bil-banda, Għaqda Mużikali Viżitazzjoni titlaq minn fejn il-Mużew tas-Subien u tasal fil-Knisja Bażilika ta' l-Għarb.

**30 ta' Dicembru Party** għat-tfal kollha tal-lokalità Fit-8.30am ħarġa madwar Għawdex. F'12.00pm Party fis-sala ta' l-Iskola Primarja.

## *CHRISTMAS PROGRAMM OF ACTIVITIES*

*12th December between 2pm and 7pm – Activity – Santa Claus is coming to The Festive Ark which includes Christmas Gift Shopping with the help of various volunteers at Ta' Dun Arkanglu, Church Street in aid of the Arka Foundation. This activity is being held in collaboration with the Għarb Local Council. 20th December at 7.30pm – Christmas Concert by the Għaqda Mużikali Viżitazzjoni at the Għarb Church Basilica. 26th December at 7pm – Procession organised by the Boys Museum. The procession will be accompanied by the Għarb band, Għaqda Mużikali Viżitazzjoni from the boys Museum to the Għarb Church Basilica. 30th December Party for the locality children, 8.30am – Outing around Gozo, 12.00pm – Party at the Għarb Primary School Hall.*



*Is-Sindku, Viċi-Sindku,*
*Kunsilliera,*
*Segretarju Eżekuttiv*
*u Staff tal-Kunsill*
*Lokali Għarb jixtiequ*
*jawguraw*
*il-Festi t-Tajba*
*lil Kulħadd*